## Kapitlu Tmienja


| | |
|---|---|
| Indiċi | 364 |
| | |
| Kapitlu Tmienja | 366 |
| Il-Millennju l-Ġdid | 366 |
| Is-Sena 2000 | 366 |
| Il-Każ Tanja Kreil kontra l-Germanja | 366 |
| Karti Oħra | 366 |
| Konferenzi Intergovernmentali Ministerjali | 367 |
| Kummenti | 367 |
| Konferenza Ministerjali Pajjiżi AKP – Unjoni Ewropea | 370 |
| Aktar Karti | 371 |
| Tpartit ta’ Gassijiet li jikkawżaw l-Effett Serra | 371 |
| Il-Problema tal-Qagħad | 372 |
| Pjan kontra l-Kriminalita’ Organizzata | 372 |
| Laqgħa Għolja Afrika – Ewropa | 373 |
| Miżuri għall-Problema tal-Qagħad | 373 |
| Kunsill ta’ Kooperazzjoni Russja – Unjoni Ewropea | 374 |
| Il-Greċja tkompli Titlef is-Sovranita’ | 374 |
| Dedikazzjoni tas-Snin | 375 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Santa Maria da Feira | 376 |
| Konvenzjoni Ġdida | 377 |
| L-Ewwel Laqgħa æolja Indja – Unjoni Ewropea | 378 |
| Id-9 Laqgħa Għolja Ġappun – Unjoni Ewropea | 378 |
| Laqgħa Għolja tal-G8 | 379 |
| Karta Oħra | 380 |
| Drittijiet tal-Bniedem? | 381 |
| Il-Laqgħa Għolja tal-Millennju tal-Ġnus Magħquda | 381 |
| Laqgħa tal-Kunsill Ekonomiku u Finanzjarju (ECOFIN) | 382 |
| Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Ukrajina | 382 |
| Il-Waqgħa ta’ l-Ewro | 383 |
| Laqgħa Għolja Asja – Ewropa | 383 |
| Aktar Laqgħat Għolja | 384 |
| Ir-Raba’ Konferenza Ewro-Mediterranja | 384 |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea | 385 |
| Kunsill Ewropew ta’ Nizza | 386 |
| Aktar Qbil fil-Kunsill ta’ Nizza | 387 |
| | |
| Is-Sena 2001 | 391 |
| Karta tas-Sajd | 392 |
| Laqgħat Għolja | 392 |
| Jibda jiġi Ratifikat it-Trattat ta’ Nizza | 393 |
| Aktar Karti u Laqgħat | 393 |
| Aktar Karti | 394 |
| L-Attakki tal-11 ta’ Settembru | 394 |
| Aktar Laqgħat, Ftehim u Karti | 396 |
| Il-Prosekutur Pubbliku Ewropew | 397 |
| Żviluppi Oħra | 398 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Laeken | 398 |

| | |
|---|---|
| Is-Sena 2002 | 401 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Barċelona | 402 |
| Żviluppi Oħra | 402 |
| Immigranti Illegali | 403 |
| Aktar Karti | 405 |
| Ftehim Oħra ma’ l-Alġerija u l-Libanu | 405 |
| Sensiela ta’ Laqgħat Għolja | 405 |
| L-Unjoni Ewropea tiffirma l-Protokoll ta’ Kjoto | 406 |
| Il-Kunsill ta’ Sevilja | 406 |
| Jiskadi t-Trattat KEFA | 406 |
| Aktar Laqgħat Għolja | 407 |
| Kunsill Ewropew ta’ Brussell | 407 |
| Il-Politika Agrikola Komuni | 409 |
| Relazzjonijiet EU-NATO | 409 |
| Kontribuzzjoni għall-Faħam u l-Azzar | 412 |
| Il-Voti fil-Kunsill | 413 |
| Il-Parlament | 415 |

# Kapitlu Tmienja
# Il-Millennju l-Ġdid

## Is-Sena 2000

Is-sena 2000 bdiet billi fl-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand il-Portugall.

## Il-Każ Tanja Kreil kontra l-Germanja

Fil-11 ta' Jannar, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet l-ewwel każ tagħha tal-millennju. Bl-ewwel każ tal-millennju, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea wittiet it-triq għat-tkomplija tal-mixja lejn il-militarizzazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea meta ddeċidiet il-każ Kreil.

Il-każ Kreil[1] kien dwar liġi Ġermaniża li ma kinitx tħalli li nisa Ġermaniżi jkunu fil-forzi armati, ħlief fis-servizz tas-saħħa u fil-baned. Din il-liġi kienet maħsuba bħala protezzjoni għan-nisa biex ma jintbagħtux fuq il-kamp tal-battalja minħabba li jekk jinqabdu jistgħu jkunu stuprati u abbużati ħafna aktar mill-irġiel.

Minkejja l-ħsieb wara din il-liġi, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li din il-liġi Ġermaniża kienet kontra l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li kienet tiddiskrimina kontra n-nisa fuq sisien ta' sess.

Il-fatt li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea iddeċidiet li n-nisa għandhom l-istess drittijiet u ma jistgħux jiġu diskriminati jekk ikunu jridu jidħlu suldati u jagħmlu x-xogħolijiet l-oħra kollha li suldati normalment jagħmlu, ma jistax jittieħed mill-aspett ta' diskriminazzjoni fuq sisien ta' sess, imma fuq il-ħtieġa futura li l-Unjoni Ewropea jista' jkollha ħtieġa tagħhom aktar 'il quddiem.

Wieħed irid jiftakar li l-Unjoni Ewropea għandha l-armata tagħha, u għalhekk ikun tajjeb għaliha li jkollha aktar suldati minn fejn tagħżel jekk tidħol f'xi avventura militari.

Li kieku kien għal xi postijiet fejn l-id delikata tan-nisa hija meħtieġa biex tnaqqas is-sofferenzi tal-pazjenti jew biex jagħmlu apparat delikat kien ikun hemm differenza, imma li mara li hija maħsuba min-natura stess biex tnissel bniedmin oħra tintuża biex toqtol bniedmin oħra hija ħniżrija ta' min huwa ffissat bl-armati u l-gwerer u spiċċalu kull sens ta' morali.

## Karti Oħra

Fit-12 ta' Jannar, il-fabbrika tal-Karti ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, kienet ħarġet karta oħra, din id-darba fuq is-sigurta' ta' l-ikel[2]. Wieħed irid jiftakar kemm kien hemm każi ta' kontaminazzjoni ta' ikel fl-Istati

[1] Tanja Kreil v Bundesrepublik Deutschland, Case C-285/98, European Court reports 2000 Page I-00069

[2] White paper on safety of foodstuffs

Membri ta' l-Unjoni Ewropea, barra mill-ħafna mard bħal ma huma l-każi tal-baqra l-miġnuna.

Fit-18 ta' Jannar, minħabba li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kellha toħroġ Karta dwar ir-riforma għal Marzu, il-Kummissjoni kienet addottat dokument konsultattiv fuq il-pjan ta' azzjoni li kellhu jwassal għal dan il-pjan ta' riforma.

**Konferenzi Intergovernmentali Ministerjali**

Fil-15 ta' Jannar, kienet saret is-sessjoni tal-ftuħ tal-Konferenzi Intergovernmentali Ministerjali tan-negozjati tad-dħul ma Malta, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Bulgarija. Din is-sessjoni kienet saret ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Id-Delegazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet immexxija mis-Sur Gama, li kien il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Portugall li kien ħa t-tmexxija, jiġifieri l-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministru ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar, kif ukoll Gunter Verheugen, il-Kummissarju nkarigat mit-tkabbir.

Id-delegazzjonijiet tal-pajjiżi kandidati kienu mmexxija mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin, Dr Joe Borg, is-Sur Roman, is-Sur Kukan, is-Sur Berzins, is-Sur Saudargas u Ms Mihailova rispettivament.

Tajjeb li jingħad li fuq il-website ta' l-Unjoni Ewropea, ir-referenza għall-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta hija s-Sur Borg u mhux Dottor Borg.

Din is-sempliċi referenza turi kemm l-Unjoni Ewropea qed tagħti każ ta' min huma n-negozjaturi Maltin, biex lanqas taf li l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta huwa avukat.

Is-Sur Gama fakkar lill-pajjiżi kandidati dwar l-importanza ta',

- **it-traspożizzjoni formali u t-tpoġġija fil-prattika ta' l-acquis tal-Komunita';**

- **jiżguraw il-funzjonament tajjeb kemm tas-suq intern u partikolrtament tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-agrikoltura, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, u l-ambjent;**

- **l-allinjament ma' l-Unjoni Ewropea fuq affariijiet dwar relazzjonijiet ma' terzi pajjiżi u organizzazzjonijiet internazzjonali.**

Is-Sur Gama kkonferma wkoll li kull applikazzjoni se tkun evalwata fuq il-merti tagħha. Il-pajjiżi kandidati ppreżentaw l-oġġettivi srateġiċi tagħhom flimkien ma l-aspirazzjonijiet politiċi, kulturali u soċjali tagħhom.

**Kummenti**

Tajjeb li neżaminaw ftit dak li ingħad għaliex jiswa biex jiftaħ għajnejn il-poplu Malti u Għawdxi dwar kemm il-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea jridu jiddaħħlu kollha u jiġu obduti bla ebda eċċezzjoni.

Is-Sur Gama qal lill-Ministri preżenti li l-pajiżi applikanti riedu jagħmlu "it-traspożizzjoni formali u t-tpoġġija fil-prattika ta' l-acquis tal-Komunita'".

Fi kliem ieħor, riedu mhux biss idaħħlu aktar minn tmenin elf paġna ta' liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-liġi tagħhom u jżommuhom aġġornati, imma riedu jppoġġuhom fil-prattika u jinfurzawhom.

Huwa għal din ir-raġuni li l-Gvern Nazzjonalista għaddej bil-ġirja bla rażan tiegħu biex idaħħal liġijiet ġodda u jibdel il-liġijiet Maltin kollha biex ikunu jaqblu mal-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Is-Sur Gama qal ukoll li l-pajjiżi applikanti **"jridu jiżguraw il-funzjonament tajjeb kemm tas-suq intern u partikolarment tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-agrikoltura, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, u l-ambjent".**

Dan ifisser li mhux biss il-pajjiżi applikanti riedu jdaħħlu u jinfurzaw il-liġijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea, imma riedu jiżguraw li s-suq intern tagħhom ikun qiegħed jiffunzjona skond dawn il-liġijiet, u dan qabel ma huma jsiru membri.

Aktar minn hekk, huwa għamel enfasi li l-pajjiżi applikanti kellhom jiżguraw li s-suq intern tagħhom ikun qiegħed jiffunzjoni skond il-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea u partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-politika ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-agrikoltura, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, u l-ambjent.

Jekk wieħed jara s-settur ta' l-agrikoltura, dan ifisser li jitneħħew il-levies kollha li huma seta' kellhom fuq prodotti agrikoli mill-Unjoni Ewropea u jiftħu s-suq tagħhom għal dawn il-prodotti.

Ifisser ukoll li jekk kienu qed jagħtu xi għajnuna lill-bdiewa li ma kinitx skond ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea, huma kellhom iwaqqfu din l-għajnuna.

Ifisser ukoll li jibdew japplikaw id-dazju u t-tariffi fuq prodotti agrikoli li huma jixtru minn terzi pajjiżi, liema dazji u tariffi jfissru għoli tal-prodotti għaċ-ċittadini tagħhom u li huma maħsuba biex jipproteġu lill-bdiewa ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, tneħħi l-levies u dazji li inti jkollok biex tipproteġi lill-bdiewa tiegħek u tagħti aċċess ħieles għall-prodotti tal-bdiewa ta' l-Unjoni Ewropea, u fl-istess waqt, iddaħħal levies u dazji biex tipproteġi lill-istess bdiewa ta' l-Unjoni Ewropea mill-kompetizzjoni ta' bdiewa ta' terzi pajjiżi.

Issa tajjeb li nerġa' nfakkar liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha li dawk id-dazji u levies li jinġabru minn fuq il-prodotti agrikoli li Stat Membru jingħata permess jixtri minn terzi pajjiżi, għaliex biex tixtri minn pajjiżi li m'humiex membri trid titlob permess lill-Unjoni Ewropea u tordnalek hija kemm inti tista' tixtri, dawk id-dazji u levies kollha jmorru għall-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ikollhom iħallsu dazji u levies kbar fuq prodotti agrikoli u affarijiet bħal ma huma laħam, butir, ġobon u prodotti oħra bħalhom li ma nġibux mill-Unjoni

Ewropea, liema dazji u levies mhux biss jisplodu l-għoli tal-ħajja, imma jmorru kollha għand l-Unjoni Ewropea biex l-uffiċjali tagħha jkollhom xi jberbqu.

Ma rridux ninsew lanqas kemm mijiet u hemm min jgħid eluf ta' miljuni ta' ewros jisparixxu bla ma ħadd ikun jaf fejn marru, speċjalment min-naħa tal-Kummissjoni li minn dejjem kienet tiġi akkuzata b'abbużi u li mill-inqas fl-aħħar tmien snin, il-kontijiet tagħha ma ġewx approvati mill-Qorti ta' l-Awdituri ta' l-istess Unjoni Ewropea.

Is-Sur Gama qal ukoll li l-pajjiżi applikanti jridu jagħmlu **"l-allinjament ma' l-Unjoni Ewropea fuq affariijiet dwar relazzjonijiet ma' terzi pajjiżi u organizzazzjonijiet internazzjonali."**

Dak li qal is-Sur Gama jfisser li l-pajjiżi applikanti ma setgħux jibqgħu jkollhom relazzjonijiet ma' terzi pajjiżi u organizazzjonijiet internazzjonali kif jaqbel lilhom u fl-interess tagħhom, imma dawn ir-relazzjonijiet riedu jkunu skond il-politika kif tkun iddeċidiet l-Unjoni Ewropea fl-interess tagħha.

Fil-fatt, ir-relazzjoniijet internazzjonali huwa qasam fejn daħlet fih l-Unjoni Ewropea u la darba qasam tkun daħlet fih, isir kompitu u dritt ta' l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi l-politika f'dak il-qasam u l-Istati Membri jispiċċalhom id-dritt li jinnegozjaw jew jidħlu f'xi ftehim dwaru ma' terzi pajjiżi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Tajjeb li kulħadd jiftakar li wieħed mill-kriterji tal-liġi internazzjonali biex pajjiż jitqies bħala **Stat nazzjon, Indipendenti, Ħieles u Sovran** huwa li jkun jista' jagħmel relazzjoniijiet ma' Stati oħra u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-fatt li dan il-qasam spiċċa mingħand l-Istati Membri u ttieħed mill-Unjoni Ewropea jfisser li l-Istati Membri lanqas għad għandhom dritt li jissejħu aktar Stati, imma saru sempliċiment Stati fi Stat Federali Ewropew fejn huma jridu jagħmlu dak kollu li jiddeċiedi l-Istat Federali u l-istituzzjonijiet federali tiegħu.

Hawnhekk infakkar dwar dak il-każ li rajna aktar qabel fejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kien iddeċieda li l-Istati Membri kellhom id-dritt tal-vot fl-Organizzazzjoni ta' l-Ikel ul-Biedja tal-Ġnus Magħquda, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropa ma kintx qablet, u wara li tellet lill-Kunsill quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, il-Qorti kienet tat raġun lill-Kummissjoni.

Daqshekk jibqgħu sovrani l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

Tant issa qed jaraw li din tas-sovranita' qed tagħtihom ġewwa, li l-ewwel bdew jgħidu li s-sovranita' tikber meta taqsamha ma' ħaddieħor, qisha kienet il-ħut u l-ħobż fil-miraklu tal-ħames ħutiet u t-tliet ħobżiet, u issa qed jgħidu li s-sovranita' spiċċa żmienha, għax hekk jaqblilhom.

Ħaġa oħra li s-Sur Gama qal hija li huwa kkonferma wkoll li kull applikazzjoni se tkun evalwata fuq il-merti tagħha.

Dan ifisser li jekk pajjiż ma jilħaqx il-kriterji biex ikun jista' jsir membru, l-aplikazzjoni tiegħu kienet ser tintefa' lura sakemm jilħaq il-kriterji meħtieġa, fosthom

li jkun daħħal il-liġijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea u jkun għamel dak kollu li rajna aktar 'il fuq.

Dan sar apposta biex l-amministrazzjonijiet tal-pajjiżi applikanti, li m'hemmx dubju li minħabba li kienu huma li applikaw għas-sħubija kienu lesti jagħmlu minn kollox biex pajjiżhom isir membru, kienu jkomplu jgħaġġlu u jagħmlu dak kollu meħtieġ kif ordnati minn Brussell biex ma jaqgħux lura minkejja l-problemi u t-tbatijiet kbar li dak li jkunu qegħdin jagħmlu jkun qed jikkawża fuq iċ-ċittadini tagħhom u jfarrak l-industriji u s-setturi kollha tagħhom.

B'hekk, l-Unjoni Ewropea tkun daħħlithom f'tellieqa bejniethom dwar min kien se jikkwalifika biex isir membru, u la l-Membri Parlamentari u wisq anqas iċ-ċittadini tagħhom ma joqgħodu jaraw, jiflu u jaħsbu fuq ir-ruxxmata liġijiet, li hawn nerġa' nfakkar li huma aktar minn tmenin elf paġna u dejjem qed ikomplu jiżdiedu, li jkunu qed idaħħlu u l-effetti tagħhom fuq iċ-ċittadini tagħhom.

Barra minn hekk, il-fatt li minħabba r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea jkunu qed jitfarrku l-industriji u setturi oħra tagħhom ikun ifisser li l-Unjoni Ewropea tkun qed tonqsilha l-problema ta' kompetituri tagħha li jipproduċu l-affarijiet irħas minnha, affarijiet li qabel kienu jagħmlu dawk il-prodotturi jibdew jiġu mpurtati mingħand l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, waqt li l-prodotturi l-oħra jkunu tfarrku qabel ma dawk il-pajjiżi jkunu saru membri.

B'hekk ukoll, kull xogħol li ċ-ċittadini ta' dawk il-pajjiżi li jirnexxilhom ikollhom wara li jkunu tfarrku l-industriji u setturi nazzjonali oħra tagħhom u jkunu saru Stati Membri ġodda jfisser ukoll li l-Unjoni Ewropea tkun tista' tgħid li qed tipprovdilhom ix-xogħol minflok dak ix-xogħol li huma jkunu tilfu, minkejja li jkunu tilfuh minħabba fiha stess.

Qed taraw kemm ikun hemm ħsibijiet moħbija wara sempliċi laqgħa u diskors minn rappreżentant ta' l-Unjoni Ewropea.

Tkun trid taqra sewwa bejn il-linji u mhux sempliċiment tisma dak li jkun qiegħed jingħad u taċċettah b'idejk miftuħa.

Trid tifli u tqis biex tifhem sewwa dak kollu li jkun hemm wara dak li jkun jidher biss bħala kliem innoċenti li bih ikunu qed jitħeġġu l-pajjiżi applikanti għar-riformi ħalli jsiru membri.

**Konferenza Ministerjali Pajjiżi AKP – Unjoni Ewropea**

Bejn it-2 u t-3 ta' Frar, kient saret ir-raba' Konferenza Ministerjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ta' l-Afrika, il-Karibbew u l-Paċifiku. Din il-konferenza kienet saret ġewwa Brussell, fil-Belġju, u n-negozjati kienu dwar sħubija, jiġifieri **partnership,** għall-iżvilupp.

F'din il-konferenza, l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi AKP kienu qablu fuq pjan ta' azzjoni li kellu jsir wara li r-raba' konvenzjoni ta' Lome' kienet tispiċċa fl-aħħar ta' Frar.

Hawnhekk ta' min nerġa' nfakkar li waqt li Trattati, Konvenzjonijiet u Ftehim li l-Unjoni Ewropea tagħmel ma' pajjiżi oħra dejjem ikunu għal ftit żmien u jispiċċaw, it-Trattati li tagħmel biex Stat isir membru tagħha huma għal żmien indefinit.

Meta' Romano Prodi kien hawn Malta qal li s-sħubija fl-Unjoni Ewropea hija bħaż-żwieġ. La darba tiżżewweġ ikun għal dejjem.

Imma Prodi jrid iqarraq għaliex jekk poplu jiddeċiedi li jitlaq jista' jagħmel hekk għax il-poplu huwa dejjem Sovran u ħadd ma huwa obbligat li jibqa' f'xi ħaġa li tkun qed tagħmillu l-ħsara.

Dan barra li anki l-istess Ġnus Magħquda tagħraf li kull pajjiż għandu dritt li jitlaq minn kull forma ta' kolonjaliżmu kif hija l-Unjoni Ewropea.

## Aktar Karti

Fid-9 ta' Frar, il-Kummissjoni addottat Karta[3] oħra mar-ruxxmata karti li kienet ħarġet qabel. Din id-darba, il-karta kienet dwar l-għajnuna ġudizzjarja f'affarijiet ċivili.

Wieħed jara li l-Unjoni Ewropea tidħol f'kull qasam immaġinabbli, anki f'dawk li xi wħud kienu jaħsbu li huma biss id-dominju ta' l-Istati Membri. Fl-1 ta' Marzu, il-Kummssjoni kienet addottat Karta oħra, din id-darba għalmenu fuq ir-riformi tagħha stess[4].

Id-dħul ta' Stati Membri ġodda kien ifisser li kellhom isiru riformi fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li anki l-Istati l-ġodda kellhom ikollhom ir-rappreżentanti tagħhom f'dawn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant, fl-14 ta' Frar, kienet fetħet il-Konferenza Intergovernmentali għar-riformi istituzzjonali, ġewwa Brussell, fil-Belġju.

## Tpartit ta' Gassijiet li jikkawżaw l-Effett Serra

Karta oħra kienet ġiet addottata mill-Kummissjoni fuq it-tpartit ta' gassijiet li jikkawżaw l-effett serra fl-Unjoni Ewropea[5].

It-tpartit ifisser li minħabba li kien sar ftehim li kellhom jitnaqqsu l-gassijiet li kienu qed jikkawżaw li tisħon l-atmosfera, l-Istati Membri kienu ingħataw kwoti ta' kif għandhom inaqqsu l-użu ta' dawn il-gassijiet fuq medda ta' żmien.

It-tpartit kien isir minħabba li Stat Membru seta' kien naqqas aktar minn sehemu u għaldaqstant is-sehem tiegħu kien jiġi mpartat ma' Stat Membru ieħor. Naturalment, dan ma kienx qiegħed isir għalxejn, u kien għalhekk li l-Kumissjoni kienet qed tlesti biex tirregola kif dan it-tpartit għandu jsir.

[3] Green Paper on judiciary assistance in civil matters
[4] White Paper on its reform
[5] Green Paper on greenhouse gas emission trading within the European Union

Dan juri wkoll kemm lanqas f'affarijiet bħal dawn ma baqalhom dritt l-Istati Membri li jagħmlu u jiftehemu skond kif ikun jaqblilhom, imma jkollhom jagħmlu biss skond kif tkun ordnatilhom l-Unjoni Ewropea.

## Il-Problema tal-Qagħad

Il-problemi li l-Unjoni Ewropea dejjem kellha u għad għandha dwar l-impjiegi minħabba l-politika ħażina tagħha tant huma kbar, li bejn it-23 u l-24 ta' Marzu, kien sar Kunsill Ewropew speċjali ġewwa Lisbona, fil-Portugall, fejn kien iddeċieda dwar strateġija ġdida ta' l-Unjoni biex issaħħah l-impjiegi, ir-riforma ekonomika, u l-għaqda soċjali[6] bħala parti minn ekonomija msejsa fuq it-tagħrif[7].

Dan il-fatt juri wkoll kemm minkejja dak li jingħad dwar kemm għandna nsiru membri għaliex l-Unjoni Ewropea għandha l-ekonomija tajba, kien hemm il-ħtieġa ta' riforma għaliex meta mqabbla ma' Stat u organizzazzjonijiet oħra, hija lura waħda sewwa magħhom.

L-istess jista' jingħad dwar l-għaqda soċjali, fejn minkejja li għalmenu is-sitt Stati membri oriġinali ilhom magħqudin flimkien aktar min ħamsin sena, għad hemm nuqqas kbir li ċittadini minn Stat Membru li jmorru fi Stat Membru ieħor jiġu aċċettati fis-soċjeta' ta' dak l-Istat li jkunu marru fih.

Dan minħabba li ċ-ċittadini ta' dak l-Istat jarawhom ta' theddida għal-xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom, għall-kultura tagħhom, kif ukoll għas-servizzi soċjali minħabba l-piż ġdid li jkollhom iġorru, bil-periklu li s-servizzi soċjali jkollhom jonqsu jew jispiċċaw fix-xejn minkejja li huma jkunu ilhom għomorhom u żmienhom iħallsu għalihom.

## Pjan kontra l-Kriminalita' Organizzata

Fis-27 ta' Marzu, "il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni"[8] addotta pjan ta' azzjoni kontra l-kriminalita' organizzata.

Hawnhekk jidher ċar daqs il-kristall li anki dan il-qasam kien qiegħed jittieħed mingħand l-Istati Membri, meta għandek Kunsill imwaqqaf apposta biex jiddeċiedi dwar kif l-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jiġġieldu l-kriminalita' organizzata.

L-ewwel fetħu l-fruntieri kollha bejn l-Istati Membri u applikaw kriterji komuni skond il-ftehim ta' Xengen, li bħala riżultat kull kriminal minn kull Stat Membri seta' jmur bla xkel fi Stat Membru ieħor għaliex il-fruntieri kienu tneħħew għal għanijiet ta' eżami tal-passaporti, imbagħad iridu jaraw kif se jikkontrollaw il-kriminalita' organizzata li splodiet 'il fuq minħabba dak li kienu għamlu huma stess.

Din bħal dak li għadu kif ġie mħabbar li l-Unjoni Ewropea ma aċċettatx li l-Gvern Malti jibqa' jipprojbixxi l-luminati u affarijiet oħra fil-fliexken tal-plastik, li jfisser li

[6] New Union strategy to strengthen employment, economic reform and social cohesion
[7] Knowledge-based economy
[8] Justice and Internal Affairs Council

jekk Malta ssir membru, se jiżdiedu madwar 80,000,000 flixkun tal-plastik fis-sena f'Malta.

L-ewwel joħolqu l-problema għall-ambjent, imbagħad jippruvaw jaraw x'jagħmlu dwarha.

Inkella l-impjegati mhallsa l-eluf kbar ġewwa Brussell ma jidhrux li qed jaħdmu u ma jkunux jistgħu jiġġustifikaw is-salarji fenomenali tagħhom imħallsa mit-taxxa miġbura bis-sawt minn fuq iċ-ċittadini mqaxxra ħajjin ta' l-Istati Membri.

## Laqgħa Għolja Afrika - Ewropa

Bejn it-3 u l-4 ta' April, kienet saret Laqgħa Għolja Afrikana-Ewropea taħt il-partoċinju ta' l-Organizzazzjoni għall-Għaqda Afrikana u l-Unjoni Ewropea. Din il-laqgħa saret ġewwa l-Kajr, fl-Eġittu, u turi li fejn jidħlu l-interessi, kull pajjiż u kull organizzazzjoni tipprova tagħmel l-aħjar biex jiġi żviluppat aktar il-kummerċ għall-ġid tagħhom bla ma jagħtu każ ta' twemmin ideoloġiku jew twemmin ieħor.

## Miżuri għall-Problema tal-Qagħad

Kif għedt kemm-il darba, il-problema tal-qagħad minn dejjem kienet waħda kbira għall-Unjoni Ewropea. Miljuni kbar ta' ħaddiema fl-Unjoni Ewropea huma bla xogħol u jdumu hekk għal żmien twil, inklużi gradwati żgħażagħ li jkunu ggradwaw f'diversi suġġetti u mnn diversi universitajiet.

F'Diċembru 2002, fil-Ġermanja biss hemm aktar minn erba' miljuni mija u sittin elf (4,160,000) ruħ bla xogħol, waqt li hemm aktar minn erbatax-il miljun (14,000,000) ruħ bla xogħol fl-Unjoni Ewropea, l-akbar numru jkun ta' żgħażagħ, ħafna minnhom iggradwati.

Minħabba din il-problema, fis-7 ta' April, il-Qorti ta' l-Awdituri kien ippubblika rapport speċjali fuq il-Fond Soċjali Ewropew[9] u l-Fond Ewropew għall-Gwida u Garanzija Agrikola (Sezzjoni ta' Gwida)[10], dwar miżuri biex jgħinu fl-impjieg ta' persuni żgħażagħ, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Daqshekk għandhom garanzija ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin li jsibu x-xogħol fl-Unjoni Ewropea bil-propaganda tal-ħasil il-moħħ tal-Partit Nazzjonalista u dawk kollha li qed iġib minn barra biex jgħidulna kemm jaqblilna nsiru membri.

Fuq kollox, jekk iż-żgħażagħ jitilqu mill-Gżejjer Maltin, ikunu qed inaqqsu l-problema tan-nuqqas ta' xogħol li taħt Gvern Nazzjonalista l-unika soluzzjoni għaliha dejjem kienet l-emigrazzjoni.

Fl-istess waqt, ikun qiegħed inaqqas il-voti tal-ħaddiema kontra tiegħu, għaliex huma l-ħaddiema u ulied il-ħaddiema li l-aktar li jkollhom jemigraw biex isibu x-xogħol, u mhux uliedhom u n-negozjanti l-kbar li jgħinu lill-Partit Nazzjonalista.

---

[9] European Social Fund

[10] Special Report on the European Social Fgund and European Agricultural Guidance and Guarantee Fund (Guidance Section)

La semmejna lil dawk li qed jiġu minn barra jgħidulna kemm hija sabiħa l-Unjoni Ewropea u kemm jaqblilna nsiru membri għandna noqgħodu attenti ħafna minnhom.

L-ewwel nett għaliex kif għadu kif ġie mħabbar, Gunter Verheugen li huwa l-Kummissarju tat-tkabbir stess qal li l-akbar piż tat-tkabbir se jġorruh il-pajjiżi l-ġodda, kif ukoll li l-Ġermanja l-aktar li se tiggwadanja minħabba li se tbiegħ ħafna aktar prodotti tagħha fl-Istati Membri l-ġodda.

Dan għandu juri lill-kulħadd kemm dawk kollha li jiġu jkunu qed iħarsu l-interessi tagħhom u mhux tagħna u jkunu qed jippruvaw jgħaddu ż-żmien bina meta jgħidulna kemm jaqblilna nsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, aktar ma jiġu minnhom jgħidulna li jaqblilna nidħlu aktar juruna li ma jaqblilniex, u aktar għandna niċħdu t-talba tagħhom u tal-Gvern Nazzjonalista biex nuruhom li aħna kapaċi naraw l-affarijiet u li mhux se nħalluhom jgħaddu ż-żmien bina.

## Kunsill ta' Kooperazzjoni Russja – Unjoni Ewropea

Kull Stat u organizzazzjoni tagħmel dak kollu li jkun fl-interess tagħha, u biex jagħmlu dan ikunu lesti li jikkkoperaw ma' kull Stat u organizzazzjoni oħra jkunu xi jkun it-twemmin tagħhom.

Wieħed jista' jara kemm dan huwa minnu meta jara li fl-10 ta' April, kien iltaqa' l-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja.

Issa jekk l-Unjoni Ewropea li hija għaqda kapitalista qed ikollha kooperazzjoni ma' dak li kien meqjus bħala l-akbar għadu kommunista tal-pajjiżi tal-Punent, tant li twaqqaf Kunsill ta' Kooperazzjoni bejniethom, possibbli li ma Malta ma jkunx hemm kooperazzjoni meta Malta qatt ma kienet meqjusa bħala għadu tal-pajjiżi Ewropej?

Dan għandu jservi ta' eżempju biex iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin jagħrfu li għandhom iqabblu fejn jaqblilhom u mhux iqabblu fejn iridhom iqabblu ħaddieħor.

Meta tkun ħieles tkun tista' tqabbel fejn ikun jaqbillek, mhux fejn jgħidlek jew iqabbillek ħaddieħor.

Meta ma tkunx ħieles u tkun ikkmandat minn ħaddieħor ma tkunx tista', u jkollok toqgħod għal li jgħidlek u jqabbillek hu.

Bejn it-18 u d-19 ta' April, kienet saret id-disa' laqgħa bejn il-President tal-Parlament Ewropew u l-Presidenti tal-Parlamenti tal-pajjiżi applikanti liema laqgħa kienet saret ġewwa Ljubljana, fis-Slovenja.

## Il-Greċja tkompli Titlef is-Sovranita'

Fit-3 ta' Mejju, kien imiss lill-Greċja li tkompli titlef mis-sovranita' tagħha meta l-Kummissjoni kienet ipproponiet li l-Greċja ssir it-12-il membru fiż-żona ta' l-ewro, jiġifieri tidħol fiż-żona ta' dawk l-Istati Membri li kienu daħħlu l-munita ewro.

B'hekk, il-Greċja spiċċat ukoll titlef mhux biss il-kontroll fuq il-munita tagħha, imma li l-munita tagħha, id-Drakma, tispiċċa biex jidħol l-ewro minflokha.

Wieħed irid jiftakar li l-inflazzjoni u l-qagħad fiż-żona ta' l-ewro huma akbar milli huma fil-kumplament ta' l-Istati Membri l-oħra.

Dan ikompli juri l-passi fil-mixja lejn Stat Federali fejn l-Istati kollha tiegħu mhux biss jitilfu d-drittijiet u s-sovranita' tagħhom li jgħaddu għand l-Istat Federali, imma lanqas il-munita ma jkun baqgħalhom minħabba li jkollhom idaħħlu l-munita ta' l-Istat Federali u jneħħu tagħhom.

B'hekk, lanqas kontroll ma jibqalhom fuq il-flus u l-kambju, li kollox jiġi deċiż u ordnat mill-Bank Ċentrali Ewropew ġewwa Frankfurt, fil-Ġermanja.

Din l-istess bħal ma hemm fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fejn minkejja li huma hafna Stati differenti, il-munita tagħhom hija d-dollaru Amerikan li l-valur tiegħu tiddeċidih l-istituzzjoni federali Amerikana, il-Bank Ċentrali Amerikan, u mhux l-Istati differenti ta' l-Istat Uniti ta' l-Amerika.

Għaldaqstant, m'hemm ebda dubju li meta mhux biss l-Istati Membri jsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea jitilfu d-dritt li jissejħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**, imma meta jdaħħlu l-munita ewro minflok il-muniti tagħhom ikunu qed ikomplu jitilfu l-ftit sovranita' li jkun baqgħalhom li jkun ħadha l-Istat Federali, jiġifieri l-Unjoni Ewropea, u jsiru bħal ma huma l-Istati ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, parti biss minn Stat Federali.

M'hemmx għalfejn ngħidu li fid-9 ta' Mejju, kif sar kull sena, kien ġie iċċelebrat l-anniversarju tad-"Dikjarazzjoni Schuman", fejn din id-darba kien imiss li jiġi ċċelebrat il-50 anniversarju.

## Dedikazzjoni tas-Snin

Prattika li ilha hafna fl-Unjoni Ewropea hija li kull sena tiġi dedikata għal xi ħaġa partikolari. Għaldaqstant, fit-8 ta' Ġunju, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kienu ddeċidew li s-sena 2001 kellha tkun iddedikata u tkun magħrufa bħala s-Sena Ewropea ta' l-Ilsna[11].

Wieħed jista jifhem din id-dedikazzjoni meta jiftakar fl-ilsna differenti ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Minkejja dan u minkejja li l-ilsna ta' l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea huma ilsna uffiċjali, l-aktar li jintużaw huma l-ilsna ta' l-Istati Membri l-kbar, jiġifieri l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż.

Il-fatt li l-Unjoni Ewropea aċċettat li l-ilsien Malti jkun ilsien uffiċjali jekk Malta ssir membru ma jfisser xejn.

L-ewwel nett għaliex dan kien dritt tagħna jekk inkunu membri u mhux xi pjaċir li tatna l-Unjoni Ewropea biex turina kemm għandha qalbha tajba u tirrispettana.

[11] European Year of Languages

It-tieni, għadha kif saret proposta biex dawk li jridu jużaw l-ilsna tagħhom għandhom iħallsu huma għall-interpreti u mhux l-Unjoni Ewropea.

B'liema dritt Stat Membru jkollu jħallas biex l-ilsien tiegħu jintuża fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea meta ilsna oħra bħal ma huma l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż jintużaw bla ebda xkiel?

**X'għandom inqas ilsna oħra mill-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż?**

**X'għandu inqas il-Malti minn dawn l-ilsna?**

**Jewilla l-Malti mhux daqs dawn l-ilsna u daqs kull ilsien ieħor?**

**Mela veru li kif dejjem sostnejt u sostnew ohrajn li fl-Unjoni Ewropea hemm sħubija ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet klassi?**

**Mela veru li l-kbar jikkmandaw u jsir dak li jgħidu u jridu huma u l-oħrajn ikollhom joqgħodu għalihom?**

Dan kollu juri kemm fl-Unjoni Ewropea mhux biss iż-żgħar mhumiex stmati l-istess daqs il-kbar, imma li lanqas l-ilsna tagħhom ma huma stmati daqs l-ilsna ta' l-Istati Membri l-kbar.

Dan huwa insult min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea li m'għandniex inħalluh għaddej billi anki għal din ir-raġuni għandna niċħdu s-sħubija għaliex aħna m'għandna xejn inqas minn ħaddieħor u lsienna m'huwa xejn inqas minn ta' ħaddieħor.

__**Kunsill Ewropew ġewwa Santa Maria da Feira**__

Bejn id-19 u l-20 ta' Ġunju, kien iltaqa' Kunsill Ewropew ġewwa Santa Maria da Feira, fil-Portugall. F'dan il-Kunsill, kienu ġew addottati l-linji ta' gwida wiesha dwar il-politika ekonomika[12] għall-Istati Membri u l-Kommunita' għas-sena 2000.

Hawnhekk naraw li dawn il-linji ta' gwida kienu ġew addottati meta kienet diġa' għaddiet nofs is-sena, u għaldaqstant ma nafx kif setgħu jissejħu linji ta' gwida għas-sena 2000.

Il-Kunsill Ewropew kien qabel ukoll fuq id-dħul tal-Greċja fl-ewro kif kienet ipproponiet il-Kummissjoni aktar qabel, kif ukoll addotta strateġija komuni għar-reġjun tal-Mediterran[13].

Qabel ukoll mal-pjan ta' azzjoni dwar il-politika ta' fruntieri barranin u bejn il-fruntieri ta' l-Unjoni Ewropea u d-dimensjoni tat-Tramuntana[14], kif ukoll ta l-appoġġ tiegħu għall-pjan ta' azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea kontra d-drogi.

[12] Broad economic policy guidelines
[13] Common strategy on the Mediterranean region
[14] An action plan for the northern dimension in external and cross-border policies of the European Union

Hawnhekk wieħed ma jistax ma jikkummentax fuq l-ipokrezija ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra d-drogi, meta l-ewwel nett l-Unjoni Ewropea trid tillegalizza l-użu tal-ħaxixa fl-Istati Membri, waqt li kif rajna aktar qabel speċjalment fil-każ Calfa kontra l-Greċja, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li Stat Membru ma jistax ikollu liġi li kienet tkeċċi għal għomru mit-territorju tiegħu ċittadin ta' Stat Membru ieħor li jkun inqabad bid-droga f'dak l-Istat Membru.

Kif tista' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha jittieħdu bis-serjeta' li jridu verament jiġġieldu kontra d-drogi meta jaslu għal deċiżjonjiet bħal dawn?

Ma jkunux qed jimminaw lill-Istati Membri stess fil-ġlieda tagħhom kontra d-drogi u jagħmluha eħfef biex tiġi traffikata d-droga meta kull ċittadin minn kull Stat Membru għandu dritt li jidħol u joħroġ bla ebda xkiel u jmur joqgħod fi Stat Membru ieħor minkejja li jkun inqabad bid-drogi?

Kif wieħed jista' jara minn dak li sar minn dan il-Kunsill, aktar poteri komplew jittieħdu mingħand l-Istati Membri u jispiċċaw għand l-Unjoni Ewropea li l-istituzzjonijiet tagħha jiddeċiedu dak li għandu jsir mill-Istati Membri li jkollhom bilfors jobdu.

Kollox iddettat minn Brussell, kollox komuni u ebda għażla għall-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

**Konvenzjoni ġdida**

Wara li kif rajna aktar qabel il-Konvenzjoni ta' Lome' kellha tispiċċa fl-aħħar ta' Frar, l-Unjoni Ewropea u l-Istati ta' l-Afrika, il-Karibbew u l-Paċifiku kienu ltaqgħu ġewwa Kotonu'[15], fil-Benin, fejn kienu ffirmaw konvenzjoni ġdida li kellha tidħol minflok il-Konvenzjoni ta' Lome'.

Din il-konvenzjoni mal-pajjiżi li qabel kienu membri fil-konvenzjoni ta' Lome' juri li fejn jidħol il-kummerċ u jkun jaqbel għal min ikun qed jinnegozja, kull ftehim huwa possibbli.

Għaldaqstant, huwa possibbli li l-Unjoni Ewropea ma tasalx fi ftehim ma' Malta kif irid il-Partit Laburista, li jkun jaqbel għat-tnejn, meta hija tagħmel daqstant ftehim u konvenzjonijiet ma' dawk il-pajjiżi kollha li rajna?

Ftehim kif irid il-Partit Laburista mhux biss iħalli l-protezzjoni lis-setturi tal-biedja u s-sajd Maltin u Għawdxin mill-kompetizzjoni bla rażan mill-Unjoni Ewropea u minn pajjiżi li l-Unjoni Ewropea għandha ftehim magħhom, imma jfisser ukoll li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ma jħallsux il-miljuni kbar ta' liri f'dazji u levies li jgħollu bil-kbir l-ikel u l-ħajja u li jitilqu lejn l-Unjoni Ewropea biex hija tipproteġi lil dawn is-setturi tagħha.

Irrid infakkar li t-telf tad-dazju u l-levies mill-Gvern Malti jkun irid jinġieb minn x'imkien ieħor għaliex id-dħul tal-Gvern ikun naqas.

[15] Cotonou

Għaldaqstant, iċ-ċittadini Maltin u æawdxin isiru bħal ma jgħid il-qawl Malti, **"Il-ħmar il-magħkuż idur għalih id-dubbien",** għaliex barra li jkollhom iħallsu d-dazju u l-levies li jmorru għall-Unjoni Ewropea, ikollhom iħallsu taxxi oħra li l-Gvern Malti jkollu bilfors jagħmel biex ipatti għat-telf li jkollu mid-dazju u l-levies li jkun qed jibgħat lejn l-Unjoni Ewropea.

Fuq kollox, kif jgħidu meta kien ikun hemm xi koppja li jkollhom joqgħodu ma' xi waħda mill-kunjati jew ma' xi ħaddieħor meta jiżżewwġu, speċjalment meta mhux kollox jibda miexi sewwa. **Aħjar merqti u ftieti**, għax minkejja li forsi tista' tkun aħjar magħhom għax issib l-ikel u affarijiet oħra lesti, għalkemm inti tkun qed tħallas jew toħroġ sehemhek minnhom ukoll, jekk tkun tgħix għalik ħadd ma jindaħallek.

La x'tagħmel, la x'tiekol għax kif ngħidu ma tkunx trid **tiekol bilfors minn dak li joħroġ il-kunvent**, la x'tilbes, la xi ħbieb ikollok, u ħafna affarijiet oħra li jekk tkun toqgħod ma ħaddieħor ma tkunx tista' tagħmilhom u jkollok toqgħod għalihom bilfors.

## L-Ewwel Laqgħa Għolja Indja – Unjoni Ewropea

Dak li għedt aktar 'il fuq li kulħadd jagħmel li jaqbillu fejn jidħlu l-interessi tiegħu, wieħed jista' ikompli jaraħ meta jara li fit-28 ta' April, kienet inżammet l-ewwel Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indja, pajjiż fl-Asja fin-naħa l-oħra tad-dinja. Din il-laqgħa kienet inżammet ġewwa Lisbona, fil-Portugall.

Anki din il-laqgħa flimkien ma laqgħat oħra bħala jkomplu juru li fejn jidħlu l-interessi tagħha, l-Unjoni Ewropea tagħmel laqgħat ma' kull pajjiż tad-dinja, minkejja l-bogħod tiegħu mill-fruntieri tagħha. Madankollu, illum imkien fid-dinja ma jista' jitqies il-bogħod minħabba l-komunikazzjonijiet u l-mezzi tat-trasport moderni.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand Franza.

## Id-9 Laqgħa Għolja Ġappun – Unjoni Ewropea

Biex inkomplu fuq laqgħat għolja, fid-19 ta' Lulju kienet saret id-disa' Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun, ġewwa Tokjo, fil-Ġappun, pajjiż ieħor fl-Asja fin-naħa l-oħra tad-dinja.

It-taħdidiet kienu ċċentrati fuq it-tisħiħ tar-relazzjonijiet kollha bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun[16], inklużi r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali, il-kooperzzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun fil-fora internazzjonali, inkluża l-Laqgħa Għolja tal-G8, il-Ġnus Magħquda u l-ASEM, is-sitwazzjoni internazzjonali inkluża s-sitwazzjoni fil-peninsula Koreana, il-Proċess tal-Paċi fil-Lvant Nofsani, kif ukoll il-Kosovo u l-Ewropa tax-Xlokk.

Kif wieħed jista' jara, il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea mhux biss kellhom aġenda twila x'jitħaddtu bejniethom, imma kemm jppruvaw itejjbu r-relazzjonijiet tagħhom speċjalment fil-qasam ekonomiku u kummerċjali, kif ukoll jaraw kif jaħsbuha fuq

[16] Strengthening of overall EU-Japan relations

affarijiet li jkunu qed jiġru madwar id-dinja biex jekk jista' jkun imorru bi ftehim minn qabel kif se jitkellmu dwar kull sitwazzjoni partikolari fil-fora internazzjonali.

Mela jekk l-Unjoni Ewropea u pajjiż industrijalizzat bħal Ġappun li qatt ma jista' jsir membru ta' l-Unjoni Ewropea u huma kompetituri kbar ta' xulxin fis-swieq internazzjonali jippruvaw jiftehemu biex ikabbru l-kummerċ bejniethom, għax m'għandhiex tagħmel hekk Malta li m'hijiex xi ġgant industrijali?

Għalfejn ma tistax tagħmel hekk ukoll Malta u tiftiehem ma' kulħadd inkluża l-Unjoni Ewropea, mingħajr ma jkollha ssir membru u kolonja mill-ġdid tal-barrani u jkollna noqgħodu għal kull ma jordnalna l-barrani ta' l-Unjoni Ewropea?

Dwar il-peninsula Koreana, wieħed irid jiftakar li hemm il-Korea t'Isfel u l-Korea ta' Fuq li kienu nqasmu minħabba l-gwerra. Barra minn hekk, għadhom jinqalgħu inċidenti mhux biss bejn iż-żewġ Koreji, imma anki mal-Ġappun minħabba li kien invada l-Korea flimkien ma pajjjiżi oħra fl-aħħar gwerra.

Fil-fatt, għalkemm il-gwerra ilha li spiċċat aktar minn ħamsin sena, uffiċjalment għadu ma ġiex iffirmat trattat ta' paċi, la bejn iż-żewġ Koreji u lanqas bejn il-Ġappun u l-Korea ta' Fuq.

Il-provi li l-Korea ġieli għamlet ta' missili li jilħqu lill-Ġappun kif ukoll il-preżenza ta' bażijiet militari Amerikani fil-Korea t'isfel u fir-reġjun speċjalment fuq il-gżira ta' Okinawa jkomplu jħawwdu u jikkumplikaw is-sitwazzjoni.

Il-gżira ta' Okinawa kienet okkupata mill-Amerikani fl-aħħar gwerra, għalkemm żmien qabel kienet ġiet okupata mill-Ġappun. Fil-fatt, għalkemm il-Ġappun jgħid li għandu dritt fuq Okinawa u jqisha tiegħu, il-poplu ta' din il-gżira jrid li l-Amerikani jitilqu u jrid li jkun indipendenti u ħieles minn taħt il-ħakma Ġappuniża.

Iċ-ċittadini ta' Okinawa jħarsu b'ammirazzjoni kbira lejn kif il-Poplu Malti rnexxilu jikseb l-indipendenza u l-veru ħelsien tiegħu minn taħt il-ħakma tal-barrani u neħħa l-bażi militari tal-barrani.

Meta tara nies minn daqstant bogħod jammirawna għall-kisba tal-ħelsien tagħna, se nkunu daqstant boloħ li nerġgħu niċħdu l-indipendenza u l-ħelsien tagħna biex nerġgħu nsiru kolonja tal-barrani bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea?

## Laqgħa Għolja tal-G8

Bejn il-21 u t-23 ta' Lulju, kienet saret Laqgħa Għolja tal-G8, li huma l-aktar pajjiżi industrijalizzati fid-dinja, ġewwa Okinawa, fil-Ġappun. Kien għalhekk li aktar qabel kienet saret laqgħa għolja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun biex jippruvaw jiftehemu minn qabel dwar il-pożizzjoni tagħhom waqt din il-laqħħa.

Dawk li ħadu sehem fil-Laqgħa Għolja tħaddtu fuq l-Ekonomija Dinjija[17], it-Tekonolġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni[18], l-Iżvilupp[19], id-Dejn[20], is-

[17] World Economy
[18] Information and Communications Technology

Saħħa[21], l-Edukazzjoni[22], il-Kummerċ[23], id-Diversita' Kulturali[24], il-Kriminalita' u d-Drogi[25], ix-Xjuħija[26], il-Bioteknika u s-Sigurta' ta' l-Ikel[27], il-Ġenom Uman[28], l-Ambjent[29], is-Sigurta' Nukleari[30], Prevenzjoni ta' Konflitt[31], id-Diżarm[32], it-Tixrid u l-Kontroll ta' l-Armi u t-Terroriżmu[33].

Aġenda oħra b'ħafna affarijiet li kollha juru li qabel dawn il-laqgħat kbar ikun hemm laqgħat minn qabel biex kemm jista' jkun ikun hemm qbil fuq dak li għandu jsir bejn l-uffiċjali ż-żgħar, u fejn ma jkunux waslu l-uffiċjali ż-żgħar jippruvaw jaslu l-Kapijiet ta' Stat u l-uffiċjali għolja li jkollhom magħhom.

Kieku kif jista' jkun li jitħaddtu u jaqblu fuq dawk l-affarijiet kollha li jkunu jridu jitħaddtu dwarhom f'dak iż-żmien qasir?

Il-laqgħat ikunu aktar għal għajn in-nies biex il-Kapijiet ikunu jistgħu joqgħodu jippużaw għar-ritratti u l-filmati u juru lid-dinja kemm suppost qalbhom taħraqhom għall-fqar u kemm iridu jagħmlu ġid lid-dinja kollha.

Madankollu, ir-riżultati ta' faqar madwar id-dinja kollha kulħadd jafhom waqt li l-pajjiżi sinjuri jkomplu jistagħnew u l-fqar ikomplu jiftaqru.

Għalhekk il-poplu Malti u Għawdxi għandu joqgħod attent minn dawn il-ħafna pampaluni li jiġu jżuruna biex jgħidulna kemm l-Unjoni Ewropea hija tajba għalina, għaliex wara dawk it-tijatrini kollha kull ma jkun hemm ikun l-interess tagħhom u mhux tagħna.

Tinsewx li l-qawl Malti jgħidlek li **"Ħadd ma jaħsillek wiċċek biex tkun isbaħ minnu"**, għax jekk ma noqgħodux attenti jiġrilna bħal ma jgħid il-qawl l-ieħor, jiġifieri li **"Juruk id-debba u jqabbżuk il-ħmara"**.

## Karta Oħra

Lura lejn l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fis-26 ta' Lulju kienet addottat ukoll Karta[34] oħra mar-ruxxmata karti li kienet addottat qabel, din id-darba fuq il-polivinilklorajd[35] (PVC), li huwa kwalita' ta' plastik li jagħmel ħsara kbira għall-ambjent, kemm minħabba li jdum mijiet ta' snin biex jispiċċa, kif ukoll

---

[19] Development
[20] Debt
[21] Health
[22] Education
[23] Trade
[24] Cultural Diversity
[25] Crime and Drugs
[26] Ageing
[27] Biotechnology and Fodd Safety
[28] The Human Genome
[29] Environment
[30] Nuclear Safety
[31] Conflict Prevention
[32] Disarmament
[33] Non-proliferation and Arms Control and Terrorism
[34] Green Paper on environmental issues linked to polyvinylchloride (PVC)
[35] Polyvinyl chloride

minħabba li joħorġu gassijiet velenużi jekk jinħaraq. Minħabba f'hekk, jew trid tara fejn iżżommu għal mijiet ta' snin sakemm jispiċċa, jew jekk inti taħarqu tkun qed toħloq tniġġiż kbir fl-arja li jwassal ukoll għall-kankru.

Huwa għaldaqstant ta' għajb fuq l-Unjoni Ewropea li tibqa' tinsisti u tordna li Malta għandha tħalli l-fliexken tal-plastik jintużaw jekk il-poplu jiġġennen u jivvota biex Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan għaliex jekk Malta tibqa' ma tħallix fliexken tal-plastik jintużaw, il-fabbriki tal-luminati u prodotti oħra fl-Istati Membri l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea ma jkunux jistgħu jibgħatu l-prodotti tagħhom f'Malta u f'Għawdex għax huma jagħmluhom fil-fliexken tal-plastik.

Qed taraw l-ipokrezija ta' l-Unjoni Ewropea li waqt li tagħmel ħafna teatrini u tippriedka fuq l-ambjent, fejn jidħlu l-interessi tan-negozjanti tagħha ma tagħtix każ ta' l-ambjent imma l-aqwa li jkun hemm kummerċ ħieles bla ebda xkiel ta' xejn?

Ara l-kelliema tal-Gvern Nazzjonalista u l-apoloġisti tal-barrani fuq il-muntanja ta' xi 80,000,000 flixkun tal-plastik li ta' kull sena jibdew jintbagħtu fil-Gżejjer Maltin jekk insiru membri ma qalu xejn.

## Drittijiet tal-Bniedem?

Fl-10 ta' Awissu, il-Qorti ta' l-Awdituri kien ippubblika rapport speċjali fuq l-immaniġġjar mill-Kummissjoni ta' l-appoġġ għall-iżvilupp tad-drittjiet tal-bniedem u d-demokrazija f'terzi pajjiżi.

Waqt li wieħed jaqbel li d-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu rispettati u jkun hemm demokrazija f'kull pajjiż fid-dinja, wieħed ma jistax ma jinnutax l-ipokrezija ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan għaliex filwaqt li tippriedka fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq id-demokrazija lill-ħaddieħor, hija stess qed tneħħi dawn id-drittijiet bil-liġi kriminali tagħha, jiġifieri dik magħrufa bħala l-Corpus Juris. Issa daħħlet ukoll il-mandat ta' arrest Ewropew li diġa' għedt xi ħaġa dwarhu.

Mhux ta' b'xejn li l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha dejjem jiġu attakkati li m'humiex demokratiċi għax m'humiex imtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ħlief il-Parlament Ewropew, u li dejjem jiddeċiedu bla ma ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jiġu kkonsultati.

Sewwa jgħidu l-qwiel Maltin li, **"Biex tiskonġra trid tkun pur"**, **"Li kieku l-ġemel jara ħotobtu, jaqa' u jmut zoptu"**, li **"Il-Qaħba milli jkollha tagħtik"** kif ukoll li **"Il-kelma tqanqal, imma l-eżempju jkaxkar"**

## Il-Laqgħa Għolja tal-Millennju tal-Ġnus Magħquda

Fit-8 ta' Settembru, il-Ġnus Magħquda kienet għamlet Laqgħa Għolja tal-millennju ġewwa Nju Jork, fl-Istati Uniti. Waqt din il-laqgħa, Romano Prodi kien iltaqa' mal-Prim Ministru Israelit Eħud Barak, mal-President ta' l-Iran Sejed Moħammed

Khatami, u mal-President taċ-Ċili Ricardo Lagos. Laqgħat kontra laqgħat fejn kulħadd iwiegħed li se jaħdem għall-paċi u kulħadd lest bl-istallett wara dahar xulxin.

## Laqgħa tal-Kunsill Ekonomiku u Finanzjarju (ECOFIN)

Bejn it-8 u l-10 ta' Settembru, kienet saret laqgħa informali tal-Kunsill Ekonomiku u Finanzjarju[36] ġewwa Versailles, fi Franza. Il-Ministri Ekonomiċi u Finanzjarji ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kienu tħaddtu dwar il-prezzijiet taż-żejt u għamlu sejħa lill-Organizzazjoni tal-Pajjiżi Esportaturi taż-żejt[37] biex jiżguraw li s-suq taż-żejt ikun aktar addatat għas-sitwazzjoni ekonomika globali.

Fit-12 ta' Settembru kien sar djalogu monetarju ġewwa Brussell bejn il-Kumitat fuq l-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew[38] u Wim Duisenberg, il-President Ġermaniż tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Tajjeb li nfakkar li l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi l-politika li jridu jimxu biha l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea minn ġewwa Frankfurt, fil-Ġermanja, u li jkunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom ikollhom bilfors jimxu skond kif ikun iddeċieda l-Bank Ċentrali Ewropew.

L-Irlanda hekk kellha tagħmel dwar l-estimi tagħha, u minkejja li kellha rata ta' inflazzjoni qawwija, il-Gvern Irlandiż kellu jibdel l-estimi, jiġifieri il-budget, biex jobdi dak li ġie ordnat jagħmel.

Qed taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea?

## Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Ukrajina

Fil-15 ta' Settembru, kienet saret laqgħa għolja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajina ġewwa Pariġi, fi Franza. Iż-żewġ naħat kienu tħaddtu dwar l-iżviluppi li kien hemm dak iż-żmien fl-Ukrajina u fl-Unjoni Ewropea, l-istat ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija[39] u Kooperazzjoni[40], kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, u aspetti varji tal-Memorandum[41] dwar l-għeluq ta' l-impjant nukleari ta' Ċernobil[42].

Fid-19 ta' Settembru, kienet saret is-seba' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ungerija[43], kif ukoll is-sitt laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċeka[44]. Dawn il-laqgħat kienu saru ġewwa Brussell, fil-Belġju, u huma laqgħat li normalment isiru bejn il-pajjiżi li jkunu applikaw għas-sħubija u l-Unjoni Ewropea.

---

[36] Economic and Financial Council ECOFIN
[37] OPEC Organisation of Petroleum Exporting Countries
[38] Committee on Economic and Monetary Affairs of the European Parliament
[39] Partnership
[40] Partnership and Cooperation Agreement
[41] Memorandum of Understanding
[42] Chernobyl
[43] Associaton Council between the European Union and Hungary
[44] Association Council between the uropean Union and the Czech Republic

## Il-Waqgħa ta' l-Ewro

Il-munita ewro mill-ewwel kienet bdiet bil-ħażin u bdiet titlef il-valur tagħha għaliex ma kienx hemm fiduċja fiha. Fil-fatt, wieħed jista' jgħid li jekk inti ma jkollokx fiduċja f'munita, ikun ifisser li inti m'għandikx fiduċja fil-pajjiż ta' dik il-munita.

Dan għaliex kif rajna qabel, illum il-valur tal-munita m'għadux aktar iserraħ fuq ir-riservi tad-deheb li dak l-Istat ikollu, imma fuq kemm wieħed ikollu fiduċja li dak il-pajjiż ikun kapaċi jipproduċi biex jagħmel tajjeb għall-valur tal-munita tiegħu meta mqabbla ma' muniti oħra. Fil-każ tal-ewro, dan kien u għadu jfisser nuqqas ta' fiduċja fl-Unjoni Ewropea.

Biex jippruvaw inaqqsu din il-waqgħa fil-valur ta' l-ewro, fit-22 ta' Settembru, il-Bank Ċentrali Ewropew flimkien mal-Federal Reserve Amerikan[45] u Bank tal-Ġappun[46] kienu ntervenew biex jgħinu lill-Ewro.

Dan jikkuntrasta bil-kbir mal-politika ta' l-Unjoni Ewropea u Stati oħra li jippriedkaw li l-Banek Ċentrali m'għandhomx jindaħlu u għandhom iħallu l-munita ssib il-valur tagħha fis-swieq internazzjonali.

X'differenza bejn dak li jippriedkaw u dak li fil-fatt jagħmlu.

Il-munita ewro kompliet ħadet daqqa oħra meta fit-28 ta' Settembru kien sar referendum fid-Danimarka u l-maġġoranza taċ-ċittadini Daniżi ma kinux aċċettaw li jneħħu l-munita tagħhom u jdaħħlu l-munita ewro.

Id-Daniżi setgħu jagħmlu referendum fuq din il-kwistjoni għaliex kienu nnegozjaw aktar qabel u kienu ingħataw derogi mit-Trattat ta' Maastricht.

Dan ma jgħoddx għall-Malta u l-pajjiżi l-oħra li jridu jidħlu issa, għaliex iridu jidħlu bilfors fis-sistema ta' l-ewro.

Jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea jkollna nagħmlu sagrifiċċji kbar ħafna, ħafna aktar milli qed nagħmlu s'ssa, biex nilħqu l-kriteri ta' l-Unjoni Ewropea ħalli ndaħħlu l-munita ewro bilfors, bħal ma se jkollhom jagħmlu l-Istati Membri l-ġodda kollha.

## Laqgħa Għolja Asja – Ewropa

Laqgħa Għolja oħra bejn l-Asja u l-Ewropa, jew aħjar l-Unjoni Ewropea, kienet saret ġewwa Seul[47], fil-Korea t-isfel, bejn l-20 u l-21 ta' Ottubru.

Waqt din il-laqgħa, it-taħdidiet kienu kkonċentraw l-aktar fuq l-iżviluppi fiż-żewġ reġjuni, it-tkattir tad-djalogu politiku, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ekonomika u finanzjarja, il-promozzjoni ta' kooperazzjoni f'oqsma oħra u t-tmexxija 'il quddiem

[45] Il-Bank Ċentrali Amerikan
[46] Bank of Japan
[47] Seoul

tal-proċess ASEM. Innutaw li din kienet laqgħa ma reġjun u mhux ma xi Stat wieħed jew tnejn partikolari.

Il-fatt li l-Unjoni Ewropea tirreferi għal laqgħat bħal dawn bħala laqgħat bejn l-Ewropa u l-pajjiż jew kontinent ieħor juri l-arroganza ta' l-Unjoni Ewropea li tqis lilha nfisha bħala l-Ewropa minkejja li l-Unjoni Ewropea m'hijiex l-Ewropa.

Madankollu, dan juri kemm l-Unjoni Ewropea għandha l-ħsieb li tkompli tikber biex issir Stat Federali Ewropew li jkollu taħtu lill-Istati kollha li hemm fl-Ewropa kif kien maħsub mill-federalisti internazzjonali.

**Aktar Laqgħat Għolja**

Laqgħa Għolja Speċjali oħra dwar il-Proċess ta' Kooperazzjoni fl-Ewropa tax-Xlokk[48] kienet inżammet fil-25 ta' Ottubru ġewwa Skopje, f'dik li qabel kienet ir-Repubblika tal-Maċedonja tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.

Laqgħa Għolja oħra kienet saret fit-30 ta' Ottubru bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja, ġewwa Pariġi, fi Franza. It-taħdidiet kienu kkonċentraw fuq it-twessieh tal-kooperazjoni fl-oqsma kollha bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja.

Laqgħa Għolja[49] oħra kienet saret bejn it-23 u l-24 ta' Novembru ġewwa Żagreb, fil-Kroazja, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-Balkani. Dawn il-laqgħat għolja kollha juru li fejn jaqbel kulħadd iqabbel.

Fit-8 ta' Novembru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea bagħtet rapport[50] fuq it-tkabbir lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li kien fih rapporti dwar il-progress[51] li kienu jivvalutaw[52] il-preparazzjoni tal-pajjiżi applikanti u proposta li kienet tidentifika kwistjonijiet essenzjali[53] li kellhom jiġu rranġati qabel ma jibdew in-negozjati tad-dħul tat-Turkija.

Fl-14 ta' Novembru, il-Kumitat tar-Reġjuni[54] kien għamel konferenza fuq it-tkabbir, globalizzazzjoni u forom ġodda ta' ggvernar[55], liema konferenza kienet saret ġewwa Brussell, fil-Belġju.

**Ir-Raba' Konferenza Ewro-Mediterranja**

Bejn il-15 u s-16 ta' Novembru, kienet saret ir-raba' Konferenza Ewro-Mediterranja ġewwa Marseilles, fi Franza. Il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tħaddtu dwar il-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea lejn is-sħubija għall-istabilita' fir-reġjun tal-

[48] Special Southeast Europe Cooperation Process Summit
[49] European Union/Balkans Summit
[50] Overall report on enlargement
[51] Progres reports
[52] Assessing
[53] Key issues
[54] Committee of Regions
[55] New forms of governance

Mediterran[56], sħubija politika u għas-sigurta'[57], affarijiet ekonomiċi u kummerċjali[58], affarijiet soċjali, kulturali u tal-bniedem,[59] u kooperazzjoni finanzjarja[60].

Karta oħra kienet ġiet addottata mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Diċembru fuq l-istrateġija Ewropea għas-sigurta' ta' l-enerġija[61].

Dan juri kif l-Unjoni Ewropea tħossha mhedda fil-qasam ta' l-enerġija li jista' jirriżulta minn taqlib fis-swieq internazzjonali kaġun ta' żviluppi tas-sitwazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll minħabba xi passi li l-Unjoni Ewropea tista' tkun ħadet kontra xi pajjiż jew grupp ta' pajjiżi bħal ma huma l-esportaturi taż-żejt li jistgħu jwaqqfu jew jgħollu l-prezz taz-zejt bħala tpattija.

Għaldaqstant, tajjeb li nsiru nagħmlu parti mill-Unjoni Ewropea u nkunu esposti għal kull ritaljazzjoni minħabba xi passi li tkun ħadet l-Unjoni Ewropea kontra xi pajjiż Għarbi jew xi pajjjiż esportatur taż-żejt meta aħna qatt ma kellna xi ngħidu mal-pajjiżi esportaturi taż-żejt u l-provvista taż-żejt taħt Gvernijiet Laburista qatt ma kienet problemi minħabba l-ħbiberija tagħna mal-pajjiżi Għarab?

## Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea

Fis-7 tax-xahar, fil-marĺini tal-Kunsill Ewropew ta' Nizza[62], il-Presidenti tal-Parlament, tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea formalment ipproklamaw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea[63].

Wieħed jista' jaħseb ftit anki fuq it-titolu ta' din il-Karta li suppost kellha tkun dwar id-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea. Innutaw id-differenza bejn

**"il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali"** tal-Kunsill ta' l-Ewropa, u

il-**"Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea".**

Bl-Ingliż, **"European Convention on Human Rights and Fundamental Freedoms"** fil-każ tal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa, waqt li fil-każ tal-Karta ta' l-Unjoni Ewropea hija msejħa "**Charter of Fundamental Rights of the European Union**".

Waħda qed tagħmel enfasi fuq **il-bniedem,** waqt li l-oħra qed tagħmel enfasi fuq **l-Unjoni Ewropea.** Ta' min huma d-drittijiet, taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' l-Unjoni Ewropea stess?

[56] Partnership for stability in the Mediterranean
[57] Political and security partnership
[58] Economic and commercial matters
[59] Social, cultural and human matters
[60] Financial cooperation
[61] Green Paper on a European strategy for the security of energy supply
[62] Nice European Council
[63] Charter of Fundamental Rights of the European Union

Wieħed irid jiftakar li normalment kulħadd jagħti l-ewwel daqqa t'għajn lejn l-ewwel parti tat-titolu u jibqa' għaddej bla ma jagħti każhom jew jidħol fid-dettal kif ikun poġġut il-kliem. Imma hawnhekk tajjeb li tistaqsu lilkom infuskom.

Iħassbukom jew le dawn l-affarijiet meta jittieħdu u jitqiesu flimkien mal-manuvri li saru mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex l-Unjoni Ewropea ma tiffirmax il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa?

Tgħid sar hekk biex jekk 'il quddiem tinqala l-ħtieġa, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea tkun tista' tinterpretahom kif ikun meħtieġ jekk dawn jiġu mnaqqsa skond l-esiġenzi ta' l-Unjoni Ewropea bħal ma diġa' ġara fil-każ tal-mandat ta' arrest Ewropew li diġa' hemm lista ta' tnejn u tletin (32) offiża li għaliha jgħodd il-mandat ta' arrest Ewropew?

Tajjeb li nfakkar li l-mandat ta' arrest Ewropea ifisser li l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru u l-Prosekutur Pubbliku Ewropew jistu jitolbu li kull persuna li tkun tinsab f'xi Stat Membru tiġi arrestata u tintbagħat għandhom bla ma jsiru ebda proċeduri ta' estradizzjoni, għaliex l-Unjoni Ewropea tqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju legali wieħed, dak ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Kunsill Ewropew ta' Nizza</u>**

Bejn is-7 u d-9 ta' Diċembru, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Nizza, fi Franza. Il-Kunsill ikkonferma li ried jara l-Karta tad-Drittijiet fundamentali, li kienet ipproklamata mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, mill-Parlament Ewropew, u mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea flimkien, titqassam kemm jista' jkun bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea.

Hija ipokresija li jagħmlu Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali meta għamlu l-liġi kriminali[64] ta' l-Unjoni Ewropea li tipprovdi, fost affarjiet oħra, li persuna tista' tiġi arrestata fuq suspett li kienet se tiffroda lill-Unjoni Ewropea, tinżamm sitt xhur arrestata bla ma jitressqu ebda provi kontriha fil-Qorti, u meta jgħaddu s-sitt xhur jiġġedded iż-żmien bit-tliet xhur skond kif jidhirlu l-Prosekutur Pubbliku Ewropew jew xi wieħed mill-Prosekuturi Pubbliku Ewropew Delegat.

Hija ipokresija li jridu jagħmlu Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali meta l-Istati Membri u ħafna aktar pajjiżi fl-Ewropa huma membri fil-Kunsill ta' l-Ewropa u ffirmaw il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Drittijiet Fundamentali tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Tgħid il-ħsieb huwa biex dawn id-drittijiet ikunu jistgħu jiġu mnaqqsa u mnaqqra mill-Unjoni Ewropea jekk ikun hemm ħtieġa.

Tgħid aktar 'il quddiem jista' jkun li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jirrinunzjaw għall-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa għax jgħidu li issa għandhom il-Konvenzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar dawn l-istess drittijiet?

---

[64] Corpus Juris

Jekk dan isir, iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea jkollhom imorru quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u mhux quddiem il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

B'hekk, kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni ta' Qorti barranija, u li jiddeċiedu huma jkun bon fatt.

Tajjeb li tiftakru li l-Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Drittijiet Fundamentali tal-Kunsill ta' l-Ewropa tista' tiġi rinunzjata minn kull pajjiż li jkun iffirmaha u rratifikaha, bħal ma jistgħu jiġu rinmunzjati t-trattati ta' sħubija fl-Unjoni Ewropea meta jiddeċiedi l-poplu għaliex is-Sovranita' hija tal-poplu.

Qed taraw kemm l-affarijiet jinħadmu bizzilla fl-Unjoni Ewropea?

Qed taraw l-ipokrezija kif tkun?

L-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha ma jridux li jkunu taħt ġurisdizzjoni ta' Qorti jew istituzzjoni barranija, waqt li jridu li l-Istati Membri jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom u jkollhom joqgħodu għal dak kollu li jordnawlhom.

**<u>Aktar Qbil fil-Kunsill ta' Nizza</u>**

X'qabel dwaru iżjed il-Kunsill ta' Nizza?

Il-Kunsill laqa' l-għaġġla tan-negozjati tad-dħul mal-pajjiżi kandidati u apprezza l-isforzi minn dawn il-pajjiżi biex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-addozzjoni, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni fil-prattika ta' l-acquis, kif ukoll laqa' l-progress li kienet għamlet it-Turkija biex timplimenta l-istrateġija ta' qabel id-dħul.

Għaldaqstant, kien il-Kunsill stess li kkonferma li l-pajjiżi applikanti kienu qed jagħmlu sforzi kbar biex jobdu dak kollu li kienet qed tordnalhom jagħmlu l-Unjoni Ewropea, mhux biss biex idaħħlu l-liġijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea li kienu ilhom isiru madwar ħamsin sena u huma kellhom idaħħluhom fi żmien qasir ħafna, imma japplikawhom ukoll fuq iċ-ċittadini tagħhom minkejja li kien għad baqalhom ħafna x'jaqdfu biex isiru membri.

Minkejja li l-Kunsill kien laqa' l-progress li kienet għamlet it-Turkija, issa għadu kif ħareġ li t-Turkija mhijiex se tkun fit-tkabbir li jmiss.

Huwa sigriet magħruf li l-ħsieb huwa li t-Turkija tinżamm tistenna, u kull darba tiġi mitluba tagħmel xi ħaġa oħra biex tinżamm dejjem bit-tama li se ssir membru minħabba l-importanza tal-bażijiet tan-NATO li għandha.

Madankollu, huwa sigriet magħruf li aktarx li t-Turkija qatt ma se titħalla tissieħeb fl-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, tissieħeb meta, kif ngħidu, jasal id-dubbien l-abjad.

Il-bażijiet militari tat-Turkija speċjalment dik ta' Inċirlik, huma mportanti ħafna għall-forzi tan-NATO, speċjalment meta' wieħed jiftakar li kienu ntużaw biex jiġi attakkat

l-Iraq fil-Gwerra tal-Ġolf, kif ukoll għadhom jintużaw mill-ajruplani Ingliżi u Amerikani biex jittajru fuq, u jattakkaw lill-Iraq.

Dawn se jkunu mill-aktar importanti wkoll jekk l-Iraq jerġa' jiġi attakkat mill-Istati Uniti, mill-Ingliżi, u forsi wkoll minn xi Stati Mmebri oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill ta' Nizza kien tħaddet ukoll dwar il-Politika ta' sigurta' u difiża Ewropea[65], qabel fuq l-Aġenda Soċjali Ewropea[66], l-innovazzjoni u t-tagħlim fl-Ewropa,[67] il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika[68], is-saħħa u s-sigurta' tal-konsumatur[69], is-sigurta' marittima[70], l-ambjent[71], servizzi ta' nteress ġenerali[72], sigurta' fil-forniment ta' ċerti prodotti[73], ħelsien[74], sigurta' u ġustizzja[75], kultura[76], reġjuni fit-trufijiet[77], u relazzjonijiet barranin[78]. Il-Konferenza Intergovernattiva spiċċat bil-qbil politika fuq it-Trattat ta' Nizza[79].

Il-fissazzjoni dwar is-sigurta' u difiża Ewropea juri għalfejn l-Unjoni Ewropea għamlet l-armata tagħha u l-ħsiebijiet li l-azzjonijiet tagħha u ta' l-Istati Membri tagħha fil-qasam internazzjonali se jesponu lill-Unjoni Ewropea għal xi attakki ta' ritaljazzjoni minnn dawk maqrusa.

Il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika turi kif l-Istati Membri jridu jikkordinaw il-politika biex tkun skond kif tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea u mhux skond kif ikun jaqbel lilhom.

Is-saħħa u s-sigurta' tal-konsumatur juru kif minkejja li ilhom aktar minn ħamsin sena għaddejin b'regolamenti kontra regolamenti, għadhom sal-lum b'nuqqas kbir fuq is-saħħa u s-sigurta' speċjalment fl-ikel, fejn f'diversi Stati Membri kellhom jinqatlu mijiet ta' eluf ta' bhejjem u tjur u jinħarqu minħabba l-ħniżrijiet u l-kimika li jitimuhom.

Wieħed irid ifakkar ukoll li minkejja li l-Unjoni Ewropea kienet qed tlesti Direttiva fuq il-kimiċi li jagħmlu l-ħsara u li kellhom jiġu rtirati speċjalment fejn ikun hemm oħrajn flokhom, issa fuq pressjoni ta' l-industriji tal-kimiċi tagħha se tħalli li dawn il-kimiċi jibqgħu jintużaw.

Daqshekk għandha għal qalba l-interess taċ-ċittadini ta' l-istess Stati Membri tagħha l-Unjoni Ewropea. L-aqwa huma l-kapitalisti u l-industrijalisti tagħha, imbagħad tiġi

---

65 European security
66 European Social Agenda
67 Innovation and knowledge in Europe
68 Coordination of economic policies
69 Consumer health and safety
70 Maritime safety
71 Environment
72 Services of general interest
73 Security of supplies of certain products
74 Freedom
75 Security and justice
76 Culture
77 Outermost regions
78 External relations
79 Nice Treaty

s-saħħa taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha u ta' ċittadini ta' Stati oħra fejn il-kimiċi jiġu esportati.

Dwar l-ambjent, wieħed ma jistax ma jfakkarx fuq l-impożizzjoni fuq il-Gvern Nazzjonalista li se jkollu jaċċetta li jħalli l-użu tal-fliexken tal-plastik minflok tal-ħġieġ, li juri li mhux veru li l-Unjoni Ewropea trid tħares l-ambjent, imma trid tħares biss l-interessi ta' l-Industriji tagħha.

Kieku mhux biss ma kinitx timponi l-fliexken tal-plastik fuq il-Gvern Nazzjonalista, imma kienet twaqqaf l-użu tagħhom fl-Istati Membri kollha tagħha.

Dwar is-sigurta' ta' forniment ta' ċerti prodotti bħal ma huma ż-żejt, għalkemm wieħed jifhem li jrid ikollok ċerti riservi maħżuna, l-Unjoni Ewropea mhux biss tordna kemm l-Istati Membri jrid ikollhom ħażna, imma juri wkoll li għandha l-biża li minħabba xi azzjonjiet li tista' tieħu, il-pajjiżi esportaturi taż-żejt jistgħu jagħlqulha l-vit.

Ara Malta, bil-ħbiberija tagħha mal-pajjiżi Għarab li dejjem mexxew 'il quddiem il-Gvernijiet Laburista, qatt ma kellha problemi dwar iż-żjut mnkejja l-krizijiet internazzjonali li kien hemm.

Il-kriżijiet jistgħu jibdew jekk insiru membri ta' l-Unjoni Ewropea u jkollna nagħmlu biss dak li niġu ordnati mill-Unjoni Ewropea li jista' jkun kontra l-interessi ta' pajjiżi oħra bħal ma huma l-pajjiżi esportaturi taż-żejt.

Dwar ir-relazzjonijiet barranin, l-Unjoni Ewropea ilha li ddeċidiet li r-relazzjonijiet barranin jispiċċaw mingħand l-Istati Membri u teħodhom hija, inkella ma jkunx jista' jintlaħaq l-għan li ssir Stat Federali bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

Fil-fatt, fis-sena 2000-2001 kienet għamlet kompetizzjoni li għaliha daħlu wkoll studenti mill-fakulta' ta' l-arkitettura ta' l-Universita' ta' Malta, għal disinn ta' Ambaxxati ta' l-Unjoni Ewropea ġewwa l-Amerika, iċ-Ċina u xi postijiet oħra.

Dan juri kemm l-għan ta' l-Unjoni Ewropea huwa li mhux biss issir Stat Federali li jkollu l-ambaxxata u l-ambaxxaturi tiegħu, kif fil-fatt l-Unjoni Ewropea diġa' għandha, imma l-pjani huma li r-relazzjonijiet internazzjonali jispiċċaw għal kollox mingħand l-Istati Membri u jgħaddu għandha.

Ir-rappreżentanza f'organizzazzjonijiet u fil-pajjiżi madwar id-dinja jkunu ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-ambaxxati tagħha, u mhux ta' l-Istati Membri.

L-ambaxxati ta' l-Istati Membri jibqgħu biss simboliċi u ċerimonjali għax ma jkollhom ebda poter ta' relazzjonijiet internazzjonali minħabba li jkun għadda kollu għand l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

B'hekk ikun spiċċa wkoll kriterju ieħor tal-liġi internazzjonali biex pajjiż jitqies bħala **Stat nazzzjon, Indipendenti, Ħieles u Sovran**, u jkun intlaħaq l-għan tal-federalisti internazzjonali li tkun inħolqot l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bħala Stat Federali Ewropew permezz ta' l-Unjoni Ewropea.

Qed taraw kemm ikun hemm ħsiebijiet moħbija, fit-tul u xi jkun hemm warajhom li għalkemm ikunu jidhru li ma jkollhomx x'jaqsmu ma xulxin, meta tgħaqqadhom ma xulxin biċċa biċċa bħal ma wieħed jagħmel xi tisliba f'xi gazzetta jew inkella xi jig-saw puzzle, jasal fir-riżultat mixtieq?

Hekk kienet spiċċat is-sena b'din l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Ewropew, li minħabba li dan il-Kunsill li kien qabel fuq dan it-trattat kien sar ġewwa Nizza, fi Franza, baqa' magħruf bħala t-Trattat ta' Nizza. Il-problemi li dan it-Trattat qajjem speċjalment fl-Irlanda narawhom aktar 'il quddiem.

## Is-Sena 2001

Mill-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand l-Isvezja, waqt li l-għada, il-Greċja saret it-12 il-membru taż-żona ta' l-ewro. Fit-8 ta' Frar, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea żammet bit-tradizzjoni li toħroġ il-Karti bir-rimi, din id-darba kien imiss Karta fuq il-Politika Integrata dwar il-Prodotti[80].

Wara li kif rajna kien sar il-Kunsill Ewropew ta' Nizza f'Diċembru tas-sena ta' qabel, fis-26 ta' Frar kien ġie ffirmat it-Trattat ta' Nizza li kien jemenda t-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, jiġifieri t-Trattat ta' Maastricht, kif ukoll it-Trattati li waqqfu l-Komunitajiet Ewropej, jiġifieri t-Trattati KEEA[81], KEFA[82] u KE[83] li oriġinarjament kienet KEE[84].

Il-Komunita' Ekonomika Ewropea aktar qabel kienet tilfet, jew aħjar neħħewlha, il-kelma Ekonomika mit-titolu, li kienet indikazzjoni mill-aktar ċara li ma riedux jibqgħu biss Komunita' Ekonomika, imma kif rajna qabel, riedu jespandu wkoll fil-qasam politiku u oqsma oħra fil-mixja lejn il-ħolqien ta' Stat Federali.

Waqt li hawn Malta l-kelliema favur l-Unjoni Ewropea jattakkaw lill-Mexxej tal-Partit Laburista għax ma jridx jaċċetta r-riżultat tar-referendum li se jkun taħt il-kontroll tal-Gvern Nazzjonalista u għalhekk jista' jiġi manipulat billi l-mistoqsija ssir b'mod partikolari, u li fuq kollox huwa biss referendum konsultattiv u li ma jorbotx, tajjeb li l-poplu jiftakar li l-Unjoni Ewropea stess ma tirrispettax id-deċiżjoni tal-popli meta din ma tkunx skond kif ikun jaqblilha, kif ġara fl-Irlanda meta l-poplu Irlandiż ma aċċettax it-Trattat ta' Nizza.

Minkejja li l-poplu Irlandiż ma kienx aċċetta t-Trattat ta' Nizza u minkejja li xejn ma nbidel minnu, u minkejja li skond il-Kostituzzjoni Irlandiża mhux suppost isir referendum ieħor fuq l-istess Trattat minħabba li ma ġie mibdul xejn minnu, l-Unjoni Ewropea baqgħet sakemm sar referendum ieħor biex tgħaddi tagħha.

Jekk il-poplu jiddeċiedi kif tkun trid l-Unjoni Ewropea r-referendum ikun jgħodd u jorbot u ma jsirx ieħor, u jekk il-poplu jiddeċiedi kontra jerġa' jsir ieħor u jekk ikun hemm ħtieġa anki aktar sakemm tgħaddi tagħha.

L-istess kif qal li jagħmel il-Gvern Nazzjonalista jekk ma jgħaddilux ir-referendum.

Dan juri li l-Unjoni Ewropea lanqas il-Kostituzzjoni ta' l-Istati Membri tagħha ma tirrispetta. Wara kollox, dan nafuh, għaliex waqt li taf li skond il-Kostituzzjoni tagħna mhux suppost nieħdu sehem f'għaqdiet militari, hija ħeġġet lill-Gvern Nazzjonalista biex, fost affarijiet oħra, jieħu sehem fl-armata tagħha.

Daqshekk tirrispetti d-deċiżjoni taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha u tal-Kostituzzjoni ta' l-Istati Membri tagħha l-Unjoni Ewropea. Mhux ta' b'xejn li dejjem tiġi akkużata li m'hijiex demokratika.

---

80 Green Paper on Integrated Product Policy
81 Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika KEEA
82 Komunita' Ewropea tal-FaÓam u l-Azzar KEFA
83 Komunita' Ewropea
84 Komunita' Ekonomika Ewropea

**Karta tas-Sajd**

Fl-20 ta' Marzu, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, minkejja li kienet taf li l-Politika ta-Sajd Komuni tagħha kienet qerdet l-ibħra tas-sajd ta' l-Istati Membri, kif ukoll l-ibħra tas-sajd ta' dawk il-pajjiżi li magħhom kellha ftehim biex il-bastimenti tas-sajd ta' l-Unjoni Ewropea jmorru jistadu fl-ibħra tagħhom, kompliet tara kif se tkompli tindaħal f'dan il-qasam minflok ma reġgħet għaddietu għand l-Istati Membri.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea ppubblikat Karta dwar il-Politika tas-Sajd Komuni għal wara l-2002[85] biex tkompli tiżviluppa din il-politika.

Tant is-sajjieda ta' l-Unjoni Ewropea jeqirdu kull fejn imorru jistadu, li l-Marokk ma kienx ġedded il-ftehim li kellu ma' l-Unjoni Ewropea minħabba li l-bastimenti tas-sajd tagħha, speċjalment is-sajjieda Spanjoli, kienu qed jeqirdu l-ibħra kollha tas-sajd tal-Marokk.

Dan il-ftehim ma reġgħax iġġedded minkejja l-pressjoni kbira li l-Unjoni Ewropea għamlet fuq il-Marokk.

Għaldaqstant, is-sajjieda Maltin u Għawdxin li diġa' daqu ftit mill-arroganza u s-serq mis-sajjieda ta' l-Unjoni Ewropea bħal meta s-sajjieda Sqallin hadulhom it-tonn u baqgħu deħlin fil-Port il-Kbir qisu l-port tagħna kien tagħhom, għandhom jaħsbu sewwa x'se jiġrilhom jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Ara l-Marokk ħares l-interessi tiegħu u tas-sajjieda tiegħu u ma reġgħax ġedded il-ftehim, waqt li l-Gvern Nazzjonalista aċċetta dak kollu li ordnatlu l-Unjoni Ewropea permezz tad-DIKTAT tagħha minn Brussell.

**Laqgħat Għolja**

Wieħed jista' jgħid li fit-tliet xhur li kien imiss saru ftit laqgħat għolja mhux ħażin. Fis-17 ta' Mejju, kienet saret laqgħa għolja bejn ir-Russja u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret ġewwa Moska, fir-Russja.

Laqgħa Għolja oħra kienet saret bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea bejn l-14 u s-16 ta' Ġunju ġewwa Gotenburg[86], fl-Isvezja. Bejn il-15 u s-16 ta' Ġunju kien sar Kunsill Ewropew ġewwa Gotenburg, fl-Isvezja, waqt li Laqgħa Għolja bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea kienet saret fil-21 ta' Ġunju ġewwa Stokkolma, fl-Isvezja.

Innutaw li l-maġġoranza assoluta tal-laqgħat isiru f'dak l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, kull Stat Membru li jkollu l-Presidenza jipprova jagħmel kemm jista' minn dawn il-laqgat, kemm biex jiġbed l-attenzjoni fuqu, kif ukoll biex jipprova jagħmel aħjar milli jkunu għamlu l-Istati Membri l-oħra u juri li huwa kapaċi jmexxi aktar mill-oħrajn.

---

[85] Green Paper on the Common Fisheries Policy after 2002
[86] Gothenburg

Fil-25 ta' Ġunju, kien ġie ffirmat Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Eġittu u l-Unjoni Ewropea. Ftehim ieħor fis-sensiela ta' ftehim ma kull pajjiż, l-aqwa li jkun hemm l-interess tal-partijiet li jkunu se jirbħu b'dak il-ftehim li jkun sar.

**Jibda jiġi Ratifikat it-Trattat ta' Nizza**

Fit-13 ta' Ġunju, id-Danimarka kienet iddepożitat l-istrumenti ta' ratifika tat-Trattat ta' Nizza. L-istrumenti tar-ratifika tal-Lussemburgu kienu ġew depożitati fl-24 ta' Settembru, waqt li Franza ddepożitat l-istrumenti ta' ratifika tagħha fid-19 ta' Ottubru.

**Aktar Karti u Laqgħat**

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand il-Belġju. Fit-18 tax-xahar, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat Karta oħra, din id-darba fuq il-promozzjoni ta' struttura Ewropea għar-risponsabbilta' soċjali korporata[87]. Karta oħra fuq l-iggvernar[88] Ewropew kienet ġiet addottata wkoll mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fil-25 tax-xahar.

Laqgħa Għolja oħra fis-sensiela ta' laqgħat kienet saret ġewwa Ġenova, fl-Italja, meta bejn l-20 u t-22 ta' Lunju kienu ltaqgħu dawk magħrufa bħala l-G7/G8, li huma l-aktar pajjiżi industrijalizzati fid-dinja.

Wieħed jiftakar il-ġlied li kien sar fit-toroq fejn kien anki nqatel żgħażugħ Taljan li kien qed jipprotesta, kif madankollu jsiru protesti kull meta jkun hemm dawn il-laqgħat, bħala protesta kontra kif il-pajjiżi l-kbar u żviluppati u l-kumpaniji multinazzjonali qed ikomplu jsiru aktar sinjuri waqt li l-pajjiżi żgħar u mhux żviluppati qed ikomplu jsiru aktar foqra.

Waqt din il-laqgħa, kienu tħaddtu dwar is-saħħa[89], il-kummerċ internazzjonali[90], il-ġlieda kontra l-faqar, l-iżvilupp, id-dejn pubbliku, l-ambjent, is-sigurta' ta' l-ikel, il-Balkani u l-Lvant Nofsani.

Dawn huma kollha affarijiet li xebgħu jitħaddtu dwarhom waqt li d-dinja kompliet għaddejja bl-istess rankatura fejn il-popli ta' ħafna pajjiżi tat-tielet dinja u li għadhom qed jiżviluppaw qed imutu bil-ġuħ u bin-nuqqas ta' kura medika li kull ma jiswew huma qatra f'oċean ħdejn dak li l-pajjiżi żviluppati jonfqu kull sena fl-armamenti tal-qerda, waqt li l-pajjiżi ndustrijalizzjati u sinjuri jkomplu dejjem jistagħnew.

Fil-5 ta' Settembru, kienet saret Laqgħa Għolja oħra, din id-darba bejn iċ-Ċina u l-Unjoni Ewropea. Din kienet saret ġewwa Brussell, fil-Belġju.

---

[87] Green Paper on the promotion of a European framework for corporate social responsibility
[88] White Paper on Europen Governance
[89] Health
[90] International trade

## Aktar Karti

Fit-12 ta' Settembru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet addottat Karta oħra fuq il-Politika Ewropea tat-Trasport. B'hekk naraw kif l-Unjoni Ewropea kompliet dieħla fil-qasam tat-trasport biex dan is-settur jibda' jiġi regolat għal kollox minnha wara li aktar qabel kienet bdiet tirregola ħafna affarijiet minnu.

Karta oħra kienet ġiet addottata mill-Kummissjoni fit-28 tax-xahar, din id-darba fuq il-kumpens għalll-vittmi tal-kriminalita'[91].

Kif wieħed jista' jara, u għalkemm tajjeb li l-vittmi tal-kriminalita' jiġu kumpensati, anki dan il-qasam kien se jittieħed mingħand l-Istati Membri mill-Unjoni Ewropea biex ikun regolat skond kif tkun iddeċidiet l-istess Unjoni Ewropea.

Karta oħra kienet ġiet addottata milll-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fuq il-protezzjoni tal-konsumatur fl-Unjoni Ewropea[92] fit-2 ta' Ottubru.

Innutaw li t-titolu tagħha ma kienx il-protezzjoni tal-konsumatur fl-Istati Membri, imma fl-Unjoni Ewropea.

Dan juri kif ir-referenza għall-Istati Membri dejjem qed tonqos u tispiċċa fix-xejn u kull referenza qed tkun għall-Unjoni Ewropea u għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u mhux aktar għall-Istati Membri u għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, ħalli l-preċedenza tingħata għall-Istat Federali u mhux għall-Istati Membri.

Fl-istess waqt, ikun qed jiġi maħsul moħħ iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri billi l-ħin kollu jibdew jisimgħu biss fuq l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadinanza Ewropea u b'hekk, mingħajr ma jkunu qed jindunaw, tkun qed tinqata' minn moħħom, speċjalment it-tfal u ż-żgħażagħ, ir-rabta taċ-ċittadinanza tagħhom ma' l-Istati Membri u jibdew jaħsbu biss fuq l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadinanza Ewropea.

Għad baqa' xi ħadd li għadu jaħseb li l-ħasil tal-moħħ kien isir biss fil-pajjiżi kommunisti?

## L-Attakki tal-11 ta' Settembru

Bħala riżultat ta' l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru fuq iż-żewġ torrijiet li kienu s-simboli tal-Kapitaliżmu fl-Istati Uniti, kien inżamm Kunsill Speċjali Ewropew biex jistudja s-sitwazzjoni internazzjonali kif ukoll biex jagħmel linji ta' gwida għat-tweġiba mill-Unjoni Ewropea.

Il-fatt li tlaqqa Kunsill Speċjali Ewropew biex joħroġ linji ta' gwida għat-tweġiba mill-Unjoni Ewropea ma jistax jittieħed biss fuq kif l-Unjoni Ewropea kif distinta mill-Istati Membri tagħha kienet se twieġeb għal dawn l-attakki, imma fuq kif bil-linji ta' gwida l-Istati Membri kienu huma wkoll se jkollhom jimxu fuq l-istess linji u ma setgħux jagħmlu l-linji tagħhom.

[91] White Paper on compensation to crime victims
[92] Green Paper on consumer protection in the European Union

Dan ma kien ifisser xejn ħlief li l-kompetenza u s-sovranita' ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam kienet spiċċat u ttieħdet mill-Unjoni Ewropea, u li l-Istati Membri kellhom jimxu fit-tweġibiet u stqarrijiet tagħhom għall-inqas ma dawk il-linji ta' gwida maħruġa mill-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill Straordinarju kien tlaqqa' fil-21 ta' Settembru biex janalizza s-sitwazzjoni internazzjonali wara l-attakki terroristiċi fuq l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Wara li ta l-appoġġ inkundizzjonat tiegħu lill-poplu Amerikan[93], qal ukoll li l-Unjoni Ewropea se tikkopera ma' l-Istati Uniti biex dawk li kienu għamlu l-atakki jinqabdu u jieħdu dak li ħaqqhom[94].

Il-Kunsill iġġustifika ritaljazzjoni mill-Amerikani u qal ukoll li l-Istati Membru lesti jieħdu azzjonijiet skond il-mezzi tagħhom u li l-azzjonijiet jistgħu jittieħdu anki kontra Stati li jkunu jgħinu jew ikollhom għandhon terroristi[95].

Il-Kunsill għamel ukoll sejħa għal koalizzjoni globali taħt il-Ġnus Magħquda kontra t-terroriżmu li barra l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, **kellha tinkludi wkoll mill-inqas lill-pajjiżi kandidati,** lill-Federazzjoni Russa u s-sħab Arab u Musulmani u kull pajjiż li kien lest jiddefendi l-valuri komuni tagħhom[96].

Hawnhekk tajjeb li naraw li l-Kunsill daħħal ukoll **il-pajjizi kandidati**. Waqt li wieħed tajjeb li jikkundanna l-attakki li kienu saru, dan kien ifisser li l-Kunsill kien diġa' beda' jiddeċiedi wkoll għall-pajjiżi kandidati u jistenna li dawn jimxu mad-deċiżjoni tiegħu.

Għalkemm kif għedt dan kien każ li wieħed ma jistax ma jikkundannahx, id-deċiżjoni tal-Kunsill turi li l-Kunsill kien qiegħed iqis li l-pajjiżi kandidati, fosthom, Malta, kellhom jaghtu s-sehem tagħhom fil-koalizzjoni, li jfisser li jekk ikun hemm ħtieġa jieħdu sehem ukoll f'operazzjonijiet militari.

Il-Kunsill addotta Politika Ewropea biex jiġi miġġieled it-terroriżmu[97].

Hawn nerġgħu naraw l-arroganza tal-Kunsill, għaliex minkejja li l-attakki kellhom il-kundanna ta' kulħadd, il-Kunsill ma kellu ebda dritt li jitkellem f'isem l-Ewropa imma kellu u għandu biss dritt li jitkellem f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

---

[93] "The European Council is totally supportive of the American people in the face of the deadly trerrorist attacks. These attacks are an assault on our open, democratic, tolerant and multicultural societies"

[94] The European will cooperate with the United States in bringing to justice and punishing the perpetrators, sponsors and accomplices of such barbaric acts"

[95] "On the basis of Srecurity Council Resolution 1368, a riposte by the US is legitimate. The Member States of the Union are prepared to undertake such actions, each according to its means.The actions must be targeted and may also be directed against States abetting, supporting or harbouring terrorists.They will require close cooperation with all the Member States of the European Union"

[96] "Furthermore, the European Union calls for the broadest possible global coalition against terrorism, under United Nations aegis. In addition the European Union and the United States, **that coalition should include at least the candidate countries**, the Russian Federation, our Arab and Muslim partners and any other country ready to defend our common values." (highlights added)

[97] The European Policy to combat terrorism

Fil-pjan naraw żviluppi kbar li jistgħu jitqiesu li jkażbru d-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali. Il-Kunsill ħa l-okkażjoni biex jagħti l-qbil tiegħu biex jiddaħħal il-mandat ta' arrest Ewropew[98], li jfisser li kull ċittadin minn kull Stat Membru jkun jista' jiġi arrestat u jittieħed fi Stat Membru ieħor bla ebda ħtieġa ta' proċeduri ta' estradizzjoni[99].

Fl-opinjoni tal-Kunsill, il-mandat ta' arrest kien hemm ħtieġa tiegħu għaliex intqal li l-proċeduri ta' estradizzjoni preżenti ma jirriflettux il-livell ta' integrazzjoni u kunfidenza bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, il-mandat ta' arrest Ewropew kien iħalli persuni mfittxija li jiġu mogħtija minn awtorita' ġudizzjarja għall-oħra[100].

Dawn il-passi kellhom jittieħdu sal-laqgħa tal-Kunsill fuq il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni li kellha ssir bejn is-6 u s-7 ta' Diċembru[101].

Il-Kunsill kien għamel ukoll sejħiet biex jiġu identifikati terroristi u u ssir lista ta' organizzazjonijiet li jgħinuhom fl-Ewropa, kooperazzjoni bejn is-servizzi sigrieti ta' l-Unjoni, il-qsim ta' nformazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol mingħajr dewmien, it-twaqqif ta' skwadri kontra t-terrorizmu fl-Europol u l-awtoritajiet Amerikani, kif ukoll l-ilħuq ta' ftehim bejn l-Europol u l-awtoritajiet relevanti Amerikani sa' l-aħħar tas-sena.

Il-Kunsill kien għamel ukoll diversi punti li kellu jittieħed ħsiebhom, fosthom, l-iżvilupp ta' strumenti legali internazzjonali[102], jinġieb fit-tmien l-iffinanzjar tat-terroriżmu[103], tisħiħ tas-sigurta' ta' l-ajru[104], koordinazzjoni ta' l-azzjoni globali ta' l-Unjoni Ewropea, l-involviment ta' l-Unjoni fid-dinja[105], u l-prospetti ekonomiċi tad-dinja[106], fejn f'kull punt mitħadded kien hemm diversi passi li kellhom jittieħdu.

## Aktar Laqgħat, Ftehim u Karti

Fid-19 ta' Ottubru, kienet saret laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern ġewwa Gent[107], fil-Belġju, waqt li fid-29 tax-xahar, kien ġie ffirmat ftehim ta' stabbilita' u kooperazzjoni bejn il-Kroazja u l-Unjoni Ewropea. Ftehim ieħor ta' kooperazzjoni kien ġie ffirmat bejn il-Pakistan u l-Unjoni Ewropea fl-24 ta' Novembru.

---

[98] "In line with its conclusions at Tampere, the European Council signifies its agreement to the introduction of a European arrest warrant and the adoption of a common definition of terrorism"
[99] "The warrant will supplant the current system of extradition between Member States"
[100] "Exradition procedures do not at present reflect the level of integration and confidence between Member States of the European Union. Accordingly, the European arrest warrant will allow wanted persons to be handed over directly from one judicial authority to another…"
[101] "The European Council directs the Justice and Home Affairs Council to flesh out that agreement and to determine the releveant arrangements, as a matter of urgency and at the latest at its meeting on 6 and 7 Decembrr 2001"
[102] Developing of international legal instruments
[103] Putting an end to the funding of terrorism
[104] Strengthening air security
[105] The Union's involvement in the world
[106] World economic prospects
[107] Ghent

Bejn id-9 u t-13 ta' Novembru, kienet saret konferenza Ministerjali ta' l-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ ġewwa Doħa, fil-Qatar. M'hemmx għalfejn ngħid li wara li kienu saru l-attakki fuq l-Amerika fil-11 ta' Settembru, din il-laqgħa kienet saret fost sigurta' kbira.

Fit-8 ta Diċembru kien imiss li ssir Laqgħa Għolja oħra, din id-darba bejn il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea. Din il-laqgħa kienet saret ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Fit-22 ta' Novembru kien imiss liż-żgħażagħ li jkunu fil-mira tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

F'dan il-jum, il-Kummssjoni kienet ħarġet Karta fuq iż-żgħażagħ[108], waqt li fil-11 ta' Diċembru, kienet ħarġet Karta oħra, din id-darba fuq l-eżami mill-ġdid tar-Regolament tal-Kunsill numru 4046/89[109]. Dan ir-regolament kien dwar il-kontroll meta jkun hemm diversi intrapriżi f'konċentrazzjoni biex ma jħallix li huma jkunu jistgħu jiddominaw is-suq u jikkontrollaw il-prezzijiet.

Fil-5 ta' Diċembru, il-Kummissjoni kienet addottat il-programm ta' ħidma tagħha għas-sena 2002.

## Il-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Wieħed mill-provvedimenti tal-liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea kien li jinħoloq il-Prosekutur Pubbliku Ewropew, kif ukoll uffiċjali oħra magħrufa bħala l-Prosekutur Pubbliku Ewropew Delegat li jkunu fl-ibliet ta' l-Istati Membri biex ikunu jistgħu jieħdu passi kontra dawk li, fl-opinjoni tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jew fl-opinjoni ta' xi Prosekutur Pubbliku Ewropew Delegat ikunu għamlu, jew ikunu se jagħmlu, jew ikunu maħsuba li se jagħmlu, xi frodi kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni kienet addottat Karta[110] oħra fil-11 ta' Diċembru fuq it-twaqqif tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunita' taħt il-liġi kriminali.

Dan kien pass ieħor biex anki fil-qasam tal-liġi kriminali l-Istati Membri jibdew jingħataw il-ġenb għal dak li għandha x'taqsam il-kompetenza tagħhom dwar kwistjonijiet ta' frodi kontra l-Unjoni Ewropea, waqt li jingħataw ix-xogħol biex iħarsu l-istess interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea.

Fuq dawn l-affarjiet kien hemm anki tħassib kbir minn għaqdiet internazzjonali li jħarsu d-drittijiet tal-bniedem bħal ma huma "**Statewatch**"[111] li ppubblikat diversi dokumenti dwar it-tnaqqir tad-drittiijet ta' persuna akkużata jew suspettata li tkun

[108] White Paper on Youth
[109] Council Regulation (EEC) No 4064/89 of 21 December 1989 on the control of concentrations between undertakings. Dan ir-regolament kien Íe ppubblikat fil-íurnal UffiĐjali ta' l-Unjoni Ewropea OJ L 257/90 P 13
[110] Green Paper on the establishment of a European Public Prosecutor for the criminal-law protection of the Community's financial interests
[111] http://www.statewatch.org

għamlet xi ħaġa mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll dwar kif persuni jistgħu jiġu arrestati għal sitt xhur sħaħ bla ma jitressqu quddiem il-Qorti u bla ma jiġu ppreżentati xi provi kontrihom, liema perjodu ta' arrest jista' jerġa' jiġi mġedded skond kif jidhirlu l-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

Tajjeb ukoll li nerġa' nfakkar li minħabba li l-Unjoni Ewropew tqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala area legali waħda jew territorju legali wieħed għal għanijiet tal-liġi kriminali tagħha[112], il-Prosekutur Pubbliku Ewropew u kull Prosekutur Pubbliku Ewropew Delegat jista' jitlob li jinħareġ mandat ta' arrest kontra kull persuna f'kull Stat Membru u jordna li jittieħed fi Stat Membru ieħor bla ma jsiru ebda proċeduri ta' estradizzjoni.

Infakkar ukoll li bl-iskuża li jiġġieldu t-terroriżmu, illum hemm lista' ta' 32 offiża li għalihom kull persuna li tkun tinsab fi Stat Membru tista' tiġi arrestata b'mandat ta' arrest Ewropew u tintbagħat fi Stat Membru ieħor bla ma jsiru ebda proċeduri ta' estradizzjoni.

**Dawn l-affarijiet kollha qed jinħbew miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin mill-kelliema tal-Gvern Nazzjonalista u minn dawk kollha li huma ffissati u ossessjonati bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea biex il-poplu Malti u Għawdxi ma jkunx jaf għal x'hiex inhu dieħel bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.**

## Żviluppi Oħra

Fit-12 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat ir-rapport ta' kull sena fuq ir-riċerka u l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku. Jumejn wara, il-pajjiżi li kienu daħlu fiż-żona ta' l-ewro kienu bdew joħorġu fis-suq settijiet tal-muniti ewro biex jindraw miċ-ċittadini tagħhom.

Issa tajjeb li jingħad li qiegħed jirriżulta li l-muniti ta' l-ewro fihom ħafna Nikil li qiegħed jikkawża danni għas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej.

Għalkemm l-Unjoni Ewropea kienet taf għax kienet ġiet imwissija dwar dawn il-problemi u biex ma tħallix li jkun hemm dan l-ammont ta' nikil fil-muniti, hija xorta baqgħet għaddejja kif kien ippjanat għaliex l-interessi ta' l-industriji tan-nikil tagħha jiġu qabel l-interessi tas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej.

## Kunsill Ewropew ġewwa Laeken

Il-Kunsill Ewropew kien iltaqa' bejn l-14 ul-15 ta' Diċembru 2001 ġewwa Laeken, fil-Belġju, fejn kienu ġew mitħaddta diversi punti, fosthom, il-futur ta' l-Unjoni Ewropea u d-dikjarazzjoni ta' Laeken.

F'din id-dikjarazzjoni ntqal li l-Kunsill kien iddeċieda li jsejjaħ konvenzjoni b'Valerie Giscard d'Estaing bħala chairman, Giuliano Amato u Jean Luc Dehaene bħala viċi-chairmen. Din il-konvenzjoni kellhom jieħdu sehem ukoll fiha l-pajjiżi kandidati.

---

[112] Corpus Juris

Il-Kunsill kien tkellem ukoll dwar it-transizzjoni għall-ewro[113], il-politika ta' sigurta' u difiża Ewropea[114], it-tkabbir[115], l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea wara l-attakki fuq l-Istati Uniti tal-11 ta' Settembru[116], l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fl-Afganistan[117], u l-ġlieda kontra t-terroriżmu[118] fejn il-Kunsill irrefera għall-qbil dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.

Il-Kunsill eżamina ukoll ix-xejriet fl-oqsma ekonomiċi u soċjali u żvilupp sostenibbli[119], fejn eżamina s-sitwazzjoni ekonomika ġenerali u l-prospetti[120], l-istrateġija ta' Lisbona[121], l-impjiegi[122], it-tlaħħim tal-mudell soċjali Ewropew[123], riċerka u żvilupp[124], żvilupp sostenibbli u kwalita' tal-ħajja[125].

Il-Kunsill tħadded wkoll dwar it-tisħiħ ta' l-oqsma ta' ħelsien, sigurta' u ġustizzja[126], politika komuni fuq refuġju u immigrazzjoni[127], aktar kontroll effettiv tal-fruntieri ta' barra[128], Eurojust u l-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija f'affarijiet kriminali[129], il-ġlieda kontra d-drogi[130], kif ukoll l-armonizzar tal-liġijiet, rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u l-mandat ta' arrest Ewropew.

Dwar l-affarijiet barranin, il-Kunsill tħadded dwar il-Lvant Nofsani[131], il-Balkani tal-Punent[132], l-Afrika[133], ir-Russja[134], u kooperazzjoni fuq l-iżvilupp[135], waqt li ttieħdu diversi deċiżjonijiet mixxelanji[136], kif ukoll dwar ir-ratifika ta' deċizjoni fuq ir-riżorsi tagħha stess[137].

Annessi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill kien hemm ukoll Dikjarazzjoni fuq il-futur ta' l-Unjoni Ewropea[138], Dikjarazzjoni fuq il-kapabilita' operazzjonali tal-Politika

---

113 Transition to the euro
114 The European security and defence policy
115 Enlargement
116 The Union's action following the attacks in the USA on 11 September
117 The Union's action in Afghanistan
118 Combating terrorism
119 Trends in the economic and social spheres and in sustainable development
120 General economic situation and prospects
121 The Lisbon strategy
122 Employment
123 Fleshing out the European social model
124 Research and development
125 Sustainable development and quality of life
126 Strengthening the area of freedom, security and justice
127 A true common asylum and immigration policy
128 More effective control of external borders
129 Eurojust and judicial and police coopoeration in criminal matters
130 Combating drug trafficking
131 Middle East
132 The Western Balkans
133 Africa
134 Russia
135 Development cooperation
136 Miscellaneous decisions
137 Retification of the new Decision on own resources
138 Laeken Declaration on the future of the European Union

Komuni Ewropea ta' Sigurta' u Difiża[139], Dikjarazzjoni fuq is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani[140], u lista ta' dokumenti sottomessi fil-Kunsill Ewropew ta' Laeken[141].

[139] Declaration on the operational capability of the Common European Security and Defence Policy
[140] Declaration on the situation in the Middle East
[141] Documents submitted to the Laeken European Council.

## Is-Sena 2002

Fl-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand Spanja, waqt li l-muniti ta' l-ewro daħlu fiċ-ċirkolazzjoni fit-12-il Stat Membru li kienu addottaw din il-munita.

Dawn kienu l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall u Spanja.

**Id-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Isvezja ma daħħlux l-ewro bħala l-munita tagħhom.**

Wieħed jista' jgħid bla ebda problema li kull fejn daħal l-ewro mhux biss ħafna miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ma riduħx, imma anki splodew il-prezzijiet.

Tant splodew il-prezzijiet li saru ħafna protesti fejn iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ma marrux jixtru f'jiem partikolari bħala protesta kontra l-għoli tal-prezzijiet.

Madankollu, la darba l-ewro jkun daħal, l-Istati Membri ma setgħux jerġgħu lura għall-muniti tagħhom, kemm minħabba li kienu wegħdu li jdaħħlu l-ewro biss u jneħħu l-munita tagħhom, kif ukoll għaliex l-Unjoni Ewropea ma kinitx tħallihom.

Sakemm jindara l-ewro, baqgħu jiċċirkolaw ukoll il-muniti nazzjonali u l-ħwienet setgħu jagħtu bqija kemm bl-ewro kif ukoll bil-muniti nazzjonali.

Madankollu, dawn ma damux wisq, għaliex kif kien ġie ppjanat minn qabel, il-muniti nazzjonali ma baqgħux jissarrfu aktar u l-ewro sar il-munita waħda fit-28 ta' Frar 2002.

Għaldaqstant, l-Istati Membri tilfu wkoll id-dritt li joħorġu l-munita tagħhom, u kellhom joqgħodu għar-rati tal-kambju ta' l-ewro ma' muniti oħra internazzjonali skond kif jiddeċiedi l-Bank Ċentrali Ewropew minn ġewwa Frankfurt, fil-Ġermanja.

Daqshekk għadhom **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

Fl-istess jum kienet infetħet ukoll il-Konvenzjoni fuq il-futur ta' l-Ewropa ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Anki din turi l-arroganza ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li din kellha tissejjah konvenzjoni fuq il-futur ta' l-Unjoni Ewropea u mhux ta' l-Ewropa. L-għanijiet espansjonistiċi u federalisti ta' l-Unjoni Ewropea trid tkun mejjet biex ma tarahomx.

Fil-15 ta' Jannar, il-Parlament Ewropew kien ħatar lil Pat Cox bħala l-president tiegħu.

Wieħed jiftakar kif dan l-għaref Irlandiż kien ġie Malta u qal li l-Partit Laburista għandu jirrispetta r-riżultat tar-referendum li se jkun kollu kontrollat mill-Gvern Nazzjonalista.

Wara li għamel dan l-appell tiegħu hawn Malta, huwa mar l-Irlanda, pajjiżu stess, biex iħeġġeġ lill-Irlandiżi ħalli jerġgħu jivvutaw fir-referendum dwar it-trattat ta' Nizza u din id-darba jivvutaw iva.

Jista' jkollok ipokresija akbar minn hekk li wara li tappella biex jiġi rispettat ir-riżultat tar-referendum, tmur ġewwa pajjiżek stess u ma tirrispettax ir-riżultat ta' referendum, ieħor?

Jekk għandek tirrispetta r-riżultat tar-referendum għandek tirrispettah dejjem u mhux tirrispettah biss meta jkun jaqbel lilek.

Imma kif għedt aktar qabel, l-Unjoni Ewropea tirrispetta r-referendum jekk ikollu riżultat kif jaqbel lilha.

**Kunsill Ewropew ġewwa Barċelona**

Bejn il-15 u s-16 ta' Marzu, kien inżamm ukoll Kunsill Ewropew ġewwa Barċelona, fi Spanja. F'dan il-Kunsill kienu tħaddtu dwar ħafna affarijiet, tant li l-konklużjonijiet tiegħu ippubblikati mill-Unjoni Ewropea fihom tlieta u sebgħin paġna.

Huma tkellmu fuq l-ewro, il-politika ġenerali u l-kuntest ekonomiku[142], koordinazzjoni tal-politika ekonomika[143], żvilupp sostenibbli[144], ambjent aktar favorevoli għall-imprendetorija u kompetizzjoni[145], it-tisħih ta' l-għaqda soċjali u l-agenda soċjali[146], politika attiva dwar l-impjiegi u xogħol aħjar[147], il-promozzjoni ta' ħiliet u mobilita' fl-Unjoni Ewropea[148], u ħafna oqsma oħra li ma nistgħux noqgħodu nidħlu fihom hawnhekk minħabba li jittrattaw setturi differenti ta' l-ekonomija.

**Żviluppi Oħra**

Fis-26 ta' Marzu, kienet ġiet varata s-sistema ta' navigazzjoni bis-satelliti ta' l-Unjoni Ewropea magħrufa bħala GALILEO. Din is-sistema hija oħra ma dik Amerikana u oħra tar-Russja, li permezz tagħhom, bastimenti u ajruplani jkunu jafu fejn qiegħdin bi preċiżjoni kbira.

Huwa ovvju li minkejja li l-gwerra bierda spiċċat u s-satelliti Russi setgħu jintużaw ukoll, l-Unjoni Ewropea ma riditx tibqa' tistrieħ la fuq is-sistema Amerika, u aktar w'aktar fuq is-sistema Russja.

Dan għaliex jekk wieħed iħalli barra s-sistema Russa, l-Amerika setgħet titfi din is-sistema jekk ikollha ħtieġa, kif ukoll li l-preċiżjoni tagħha kienet tista' tiġi varjata skond il-ħtieġa li l-Amerikani jkollhom.

---

[142] General political and economic context
[143] Coordination of economic policies
[144] Sustainable development
[145] A more favourable environment for entrepreneurship and competitiveness
[146] Reinforcing social cohesion: the social agenda
[147] Active policies towards full employment: more and better jobs
[148] Promoting skills and mobility in the European Union

Għalkemm dawn huma raġunijiet validi biex l-Unjoni Ewropea jkollha wkoll is-sistema tagħha, imma aktar minn hekk, il-prestiġju ta' l-Unjoni Ewropea kien jitlob li minkejja l-eluf ta' miljuni ta' ewros li tiswa' u li kienu se jħallsuhom iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea, din kellha ssir biex jitkabbar il-prestiġju ta' l-Unjoni Ewropea.

Ħaġa li wieħed irid jinnota wkoll hija li minkejja li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ġieli jiġġieldu fuq affarijiet kummerċjali, huma t-tnejn għandhom l-istess ideoloġija tal-kapitaliżmu bla rażan.

**<u>Immigranti Illegali</u>**

Waħda mill-problemi l-kbar li l-Unjoni Ewropea qed tħabbat wiċċha magħhom u li anki aħna qed induqu l-effetti tagħha hija l-immigrazzjoni illegali tal-klandestini, jiġifieri ta' persuni li jidħlu illegalment fit-territorju ta' Stat ieħor.

L-ewwel nett, wieħed jista' jgħid li għalkemm dejjem kien hemm emigrazzjoni minn pajjiż għall-ieħor, il-problema kibret immensament fis-seklu l-ieħor kawża tal-gwerer, kemm bejn pajjiżi differenti kif ukoll ta' gwerer ċivili.

Barra minn hekk, kif se naraw aktar l-isfel, il-problema kibret u saret enormi minħabba l-iżviluppi li seħħew.

Jekk wieħed jaħseb ftit fuq l-għeruq ta' x'wassal għal din il-mewġa ta' nies li jridu jmorru fl-Unjoni Ewropea jsib li fil-biċċa l-kbira, dawn ikunu ġejjin minn pajjiżi li qabel kienu kolonja tal-pajjiżi kolonjalisti Ewropej, fosthom ħafna mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li kienu jaħkmu lil dawn il-popli u pajjiżi.

Jekk wieħed isemmi lill-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, l-Olanda, il-Portugall, Spanja, ir-Renju Unit, fost oħrajn, kollha kienu pajjiżi kolonjalisti li ħakmu pajjiżi oħra, kemm fl-Afrika u fl-Asja u anki fl-Amerika, u serqulhom ġidhom.

Mhux biss, imma tajjeb jew ħażin, dejjem taw l-impressjoni li huma ġenna ta' l-art u li huma l-aħjar pajjiżi biex wieħed jgħix fihom.

Fil-fatt, jista' jkun li kienu qed jgħidu s-sewwa, għaliex huma veru kienu qed jgħixu ta' sinjuri minn fuq l-esplojtazzjoni tal-ġid tal-kolonji tagħhom u tal-popli tagħhom.

Xi wħud mill-pajjiżi kolonjalisti, kienu qasmu pajjiżi bejniethom u għamlu fruntieri artifiċjali li qatt ma kienu eżistew qabel biex jimmarkaw safejn kienet tasal il-ħakma tagħhom.

Dan wassal biex jinħolqu pajjiżi li qatt ma kienu eżistew qabel, kif ukoll biex ikun hemm ġlied kbir bejn razez u/jew reliġjonijiet differenti meta huma kellhom jitilqu mill-pajjiżi maħkuma minnhom.

Wieħed jista' jieħu l-eżempji ta' l-Indja u l-Pakistan li għadhom jiġġieldu bejniethom sal-lum fuq il-kwistjoni tal-Kaxmir, kif ukoll il-ġlied bejn il-Musulmani u l-Ħindu, jew il-fruntiera ta' l-Iraq li jingħad li saret waqt li l-ħakkiema Ingliżi kienu sempliċiment qed jieħdu kikkra te.

Wieħed jista' jsemmi ukoll il-ġlied kbir fil-Kongo fis-snin sittin wara li telqu l-Belġjani bla ma kienu ħarrġu lil ħadd biex imexxi tajjeb.

Barra minn hekk, il-maġġoranza assoluta tal-kolonji kienu tħallew mhux żviluppati u bl-ekonomija tagħhom jew imfarrka jew ma teżistix, bla nies imħarrġa biex jimxu 'l quddiem fid-dinja tal-lum, kif ukoll bir-riżorsi tagħhom misruqa matul il-ħakma kolonjali mill-pajjiżi Ewropej.

Għaldaqstant, ħadd ma jista' jeħodha bi kbira li nies minn dawn l-ex-kolonji jagħmlu minn kollox biex imorru jgħixu u jaħdmu fil-pajjiżi li kienu ħakmuhom qabel.

L-ewwel nett għaliex kif għedt dejjem ingħataw l-impressjoni li l-pajjiżi ta' dawk li ħakmuhom huma ġenna ta' l-art u hemm xogħol, flus u ġid kemm trid, u t-tieni minħabba t-taħwid, il-ġlied, il-faqar, nuqqas kbir ta' xogħol, servizzi edukattivi u tas-saħħa ma jeżistux jew huma kemm wieħed jiddobba, fost affarijiet oħra, li jagħmlulhom ħajjithom miżerja.

Dan ma jfissirx li meta jirnexxilhom imorru u jidħlu bil-moħbi f'dawn il-pajjiżi ta' l-Ewropa huma se jsibu xortihom, għaliex ħafna minnhom jekk jinqabdu jintbagħtu lura lejn pajjiżhom jekk għalmenu ma jitolbux status ta' refuġjat li jingħata biss taħt ċerti kundizzjonijiet.

Barra minn hekk, ħafna minnhom jispiċċaw jew fil-prostituzzjoni jew esplojtati u mħallsa bis-soldi, jew illum biċ-ċenteżmi għaliex anki l-ewro għandu ċ-ċenteżmi, għal siegħat twal ta' xogħol bla ħniena u bla ebda drittijiet.

L-akbar problema hija li xi wħud minn dawn il-klandestini fil-vjaġġ tagħhom lejn dak il-pajjiż li, kif kienu jgħidu qabel, jaħsbu li se jsibu l-Amerika meta jaslu fih, jaslu fix-xtut tagħna u ta' pajjiżi li qatt ma ħakmuhom jew kienu kolonjalisti u joħolqulhom problemi kbar.

Wieħed japprezza li kemm biex iżżommhom sakemm jiġi deċiż id-destin tagħhom u kemm biex jintbagħtu lura jfissru spejjeż kbar ta' eluf ta' liri kulljum li pajjiż bħal tagħna ma jiflaħx għalihom.

Dawn aktar u aktar ikunu ta' piż meta jingħataw status ta' refuġjat minħabba li jkollhom dritt jaħdmu, li jfisser li se jkunu jikkompetu fis-suq tax-xogħol mal-ħaddiema tal-pajjiż li jkunu marru fih.

Jekk ikun hemm ix-xogħol ma jkunx hemm problemi, imma s-sitwazzjoni dinjija hija li f'kull pajjiż hemm nuqqas ta' xogħol, fejn hemm ħafna u fejn hemm inqas.

Għaldaqstant, waqt li wieħed jifhem u jagħder lil dawn l-immigranti illegali, li fuq kollox qed jinsterqu minn nies bla kuxjenza li jeħdulhom ġidhom kollu biex iwassluhom mgħobbija bas-sardin fuq bastimenti u dgħajjes li whud minnhom lanqas huma tajba biex ikunu fil-menqa tal-Marsa, wieħed ma jistax iħalli l-bibien miftuħa meta lanqas l-Amerika u l-Awstralja li huma kontinenti kbar ma jħallu lil dawn l-immigranti jidħlu.

Minħabba dawn il-problemi kif ukoll minħabba li l-Unjoni Ewropea trid li l-Istati Membri tagħha jkollhom l-istess politika anki fejn jidħlu dawn l-immigranti, u dan minħabba li jekk jingħataw l-istatus ta’ refuġjati huma jkollhom kull dritt imorru minn Stat Membru għal kull Stat Membru ieħor, jaħdmu u joqgħodu fih, wasslu biex fl-10 ta’ April, il-Kummissjoni reġgħet ħarġet Karta[149] oħra, din id-darba fuq il-politika tal-Komunita’ dwar ir-ritorn ta’ dawk imsejħa bħala ir-residenti illegali, li jkunu klandestini li b’xi mod kienu daħlu bla permess u jkunu nstabu joqgħodu f’xi Stat Membru.

## Aktar Karti

Fid-19 ta’ April, il-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea reġgħet ħarġet Karta’ oħra, din id-darba fuq dak li ħafna jafuħ aktar bħala arbitraġġ[150] fil-kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, waqt li fit-23 tax-xahar, il-Kummissjoni kienet addottat ukoll proposta biex tiġġieled lill-kriminalita fuq l-internet[151].

## Ftehim Oħra ma’ l-Alġerija u l-Libanu

Ftehim ieħor fis-sensiela bla tmiem ta’ ftehim li l-Unjoni Ewropea għamlet u għadha tagħmel ma’ pajjiżi oħra li qatt ma jistgħu jkunu membri tagħha kien ġie ffirmat fit 22 ta’ April. Dan kien ftehim ta’ assoċjazzjoni bejn l-Alġerija u l-Unjoni Ewropea, u kien ġie ffirmat ġewwa Valenzja, fi Spanja.

Ftehim ieħor ta’ assoċjazzjoni kien ġie ffirmat bejn il-Libanu u l-Unjoni Ewropea fis-17 ta’ Ġunju ġewwa l-Lussemburgu.

Huwa ċar daqs il-kristall li fejn jidħlu l-interessi u jkun jaqbel, kulħadd jiftiehem u m’hemmx għalfejn tkun membru fl-Unjoni Ewropea biex ikollok ftehim magħha, anzi jekk tkun membru ma tkunx tista’ tagħmel ftehim u jkollok toqgħod għal kull ma tordnalek hija.

## Sensiela ta’ Laqgħat Għolja

Wieħed jista’ jgħid li t-tliet xhur li kien imiss kienu xhur attivi ħafna fil-qasam internazzjonali minħabba numru ta’ laqgħat għolja bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi jew organizzazzjonijiet ta’ pajjiżi oħra minn kull rokna tad-dinja.

Fil-fatt, fit-8 ta’ Mejju kienet saret laqgħa għolja bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret ġewwa Toledo, fi Spanja. Laqgħa għolja oħra kienet saret bejn il-pajjiżi ta’ l-Amerika Latina u l-Karibbew ma’ l-Unjoni Ewropea bejn is-17 u t-18 ta’ Mejju ġewwa Madrid, fi Spanja.

Fit-18 ta’ Mejju kienet saret laqgħa għolja bejn il-Messiku u l-Unjoni Ewropea ġewwa Madrid, fi Spanja, waqt li fid-29 kienet saret laqgħa għolja bejn ir-Russja u l-Unjoni Ewropea ġewwa Moska, fir-Russja.

---

[149] Green Paper on a Community return policy on illegal residents
[150] Green Paper on alternative dispute resolution in civil and commercial law
[151] Cybercrime

Laqgħa Għolja kienet saret bejn l-Ukrajina u l-Unjoni Ewropea fl-4 ta' Lulju ġewwa Kopenħagen, fid-Danimarka, waqt li Laqgħa Għolja oħra kienet saret fit-8 tax-xahar bejn il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea ġewwa Tokjo, fil-Ġappun.

## L-Unjoni Ewropea tiffirma l-Protokoll ta' Kjoto

Fil-31 ta' Mejju, l-Unjoni Ewropea kienet irratifikat il-Protokoll ta' Kjoto li jorbot lil min ikun irratifikah biex inaqqas il-ħruġ ta' gassijiet li qed jagħmlu ħsara kbira fl-atmosfera tad-dinja. Dan kien pass tajjeb minħabba l-ħsara li qed issir lill-atmosfera tad-dinja speċjament bl-użu taż-żejt, faħam u prodotti oħra li jikkawżaw din il-ħsara.

Jekk Stat ikollu r-rieda biex jipproteġi liċ-ċittadini tiegħu, għax wara kollox il-ħsara fl-atmosfera taffettwa ċ-ċittadini ta' kull Stat fid-dinja, m'hemmx għalfejn li jkun ordnat biex jagħmel hekk jew inkella jobdi xi liġijiet u regolamenti li jingħatawlu minn xi ħadd li jkun aqwa minnu, bħal ma l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jkollhom jobdu u joqgħodu għal dak kollu li jkunu ordnati jagħmlu.

Hawnhekk tajjeb li nfakkar li minkejja li l-President Clinton kien iffirma dan il-Protokoll, il-President Bush ċaħad dan il-Protokoll u l-Istati Uniti reġgħet lura minnu minħabba li Bush iqis li għalih l-industriji Amerikani jiġu l-ewwel qabel il-kumplament tad-dinja. Il-politika ta' ħokkli dahri u nħokklok dahrek taħdem kullimkien.

## Il-Kunsill ta' Sevilja

Bejn il-21 u t-22 ta' Ġunju, kien sar Kunsill Ewropew ġewwa Sevilja, fi Spanja. Bħal fil-Kunsilli ta' qablu, dawk li ħadu sehem kienu tħaddtu fuq ħafna affarijiet, fosthom, fuq ir-rapport taċ-chairman fuq il-konvenzjoni fuq il-futur ta' l-Unjoni Ewropea, ir-riforma tal-Kunsill, it-Trattat ta' Nizza, liġijiet aħjar, ir-rapport tal-Presidenza fuq il-politika ta' sigurta' u difiża Ewropea, it-tkabbir, ir-refuġju u l-immigrazzjoni, miżuri biex jikkumbattu l-immigrazzjoni illegali, id-dħul ta' maniġġjar koordinat u ntegrat tal-fruntieri barranin, u ħafna oqsma oħra li kollha jkunu jinħtieġu trattazzjoni fit-tul jekk wieħed irid joqgħod jeżaminahom sewwa.

Madankollu, wieħed jista' jgħid li l-Unjoni Ewropea kompliet fit-triq tal-federaliżmu fejn il-politika tagħha fuq dawn l-oqsma kollha u oħrajn li ġew mitħaddta matul dan il-Kunsill u Kunsilli oħra jkunu jridu jiġu applikati u obduti kollha mill-Istati membri ta' l-Unjoni Ewropea.

## Jiskadi t-Trattat KEFA

Fit-23 ta' Lulju, it-Trattat KEFA, jiġifieri t-Trattat tal-Komunita' Ewropea tal-Faħam u l-Azzar kien skada minħabba li oriġinarjament kien maħsub li kellu jsir għal ħamsin sena.

Hawnhekk tajjeb li jiġi osservat li dak iż-żmien, il-pajjiżi li kienu ftehemu fuq dan it-Trattat li diġa' tajt ir-raġunijiet fil-bidu għaliex kien sar, kienu ħasbu li l-pajjiżi ta' l-Ewropa kienu se jkunu warrbu kull ħjiel ta' gwerra sa ħamsin sena wara, u li l-Ġermanja ma kinitx se tkun tista', jew ma jkollhiex ir-rieda li tuża din il-materja

prima biex terġa' tarma għall-gwerra u tkun ta' theddida għall-pajjiżi l-oħra ta' l-Ewropa.

Waqt li huwa veru li wieħed jista' jaħseb li l-Ġermanja forsi m'għadiex aktar ta' theddida militari kontra l-pajjiżi l-oħra ta' l-Ewropa, filwaqt li t-teknika moderna m'għadiex l-istess bħal ma kienet ħamsin sena ilu u t-teknoloġija moderna żviluppat ħafna, xorta għad hemm il-ħtieġa ta' l-użu ta' mezzi tal-gwerra minn dawk il-pajjiżi li jridu jagħmlu gwerra taħt forma jew oħra u taħt xi skuża jew oħra.

Għaldaqstant, wieħed għandu jaħseb ftit fuq it-tħassib li wrejt f'dan il-ktieb għall-fatt li wara li l-Ġermanja reġgħet ingħaqdet u sar anki tibdil fil-Kostituzzjoni tagħha biex suldati Ġermaniżi jkunu jistgħu jintbagħtu barra mill-pajjiż, u fil-fatt intbagħtu fl-ex Jugoslavja u anki fl-Afganistan, wieħed irid iżomm quddiem għajnejgħ li issa anki twaqqfet l-armata ta' l-Unjoni Ewropea.

Jiena ċertament m'hinix ngħid li l-Ġermanja se terġa' tkun ta' theddida għall-pajjiżi l-oħra Ewropej.

Fuq kollox, kemm bl-Istati Membri preżenti kif ukoll bit-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea li hemm maħsub li jsir, it-territorju għal kull min ried ikabbar it-territorju tiegħu fejn iċ-ċittadini jkunu jistgħu jmorru jimirħu u jinfirxu kiber immensament.

Madankollu, il-fatt li ħafna mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kienu u għad hemm fosthom min għadu pajjiż kolonjalist, flimkien ma' l-iżvilupp militari bl-armata ta' l-Unjoni Ewropea, jagħtu lok għal ċertu tħassib dwar l-għanijiet veri għall-ħolqien ta' din l-armata kif distinti minn dawk l-għanijiet li jingħataw lill-pubbliku.

Wara li fis-seklu l-ieħor rajna ħafna nazzjonijiet jiksbu l-indipendenza u l-ħelsien tagħhom mill-ħakma kolonjali militari okkupanti u jerġgħu jaqgħu għal forma oħra ta' kolonjaliżmu, jiġifieri permezz ta' kolonjaliżmu ekonomiku u kummerċjali anki ma' l-ex kolonizzaturi tagħhom, tgħid għad naraw l-istorja tal-kolonjaliżmu tirrepeti ruħa għal għanijiet u b'modi differenti permezz ta' superpotenza maħluqa mill-ex-Stati kolonizzaturi minflok permezz ta' l-Istati kolonizzaturi wieħed wieħed?

**Aktar Laqgħat Għolja**

Aktar laqgħat għolja saru fl-24 ta' Settembru, waħda bejn l-Ukrajina u l-Unjoni Ewropea li kienet inżammet ġewwa Kopenħagen, fid-Danimarka, u l-oħra bejn il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea ġewwa Tokjo, fil-íappun.

**Kunsill Ewropew ta' Brussell**

Bejn l-24 u l-25 ta' Ottubru, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Dan il-Kunsill kien sema' rapport imressaq minn Valery Giscard d'Estaing fuq il-progress tax-xogħol tal-Konvenzjoni.

Il-konklużjonijiet ta' dan il-Kunsill se narawhom ftit fit-tul minħabba li huwa l-aħħar Kunsill li se jkun sar qabel ma dan il-ktieb ikun fil-proċess qed jiġi stampat.

F'dan il-Kunsill naraw l-ipokrezija għaliex waqt li meta l-poplu Irlandiż ma kienx aċċetta t-Trattat ta' Nizza kienu qamu irwiefen kbar u sar theddid fin lill-Irlandiżi, issa li ċ-ċittadini Irlandiżi ċedew għat-theddid, il-Kunsill laqa' bil-ferħa d-deċiżjoni li l-Irlandiżi aċċettaw it-Trattat ta' Nizza.

Il-Kunsill ħa deċiżjonijiet li kellhom iwasslu biex sal-bidu ta' Novembru, l-Unjoni Ewropea tkun tista' tippreżenta l-pożizzjoni tagħha dwar in-negozjati mal-pajjiżi kandidati biex sal-Kunsill ta' Kopenħagen li se jsir bejn it-12 u t-13 ta' Diċembru jingħalqu t-taħdidiet li baqa'. B'hekk, ikunu jistgħu jiffirmaw it-Trattati tad-Dħul ġewwa Ateni, fil-Ġreċja f'April 2003.

Il-Kunsill għamel ukoll linji ta' gwida biex jitkompla l-proċess ma' dawk il-pajjiżi kandidati li mhux se jlaħħqu ma l-ewwel tkabbir. Il-Kunsill qabel li jżid l-għajnuna lill-Bulgarija u lir-Rumanija biex jagħmlu t-tibdil ħalli jkunu lesti għas-sħubija fis-sena 2007.

Il-Kunsill laqa' wkoll il-passi li ħadet it-Turkija u ħeġġiġha biex tkompli tagħmel it-tibdil meħtieġ bħal pajjiżi kandidati l-oħra, u stieden lill-Kunsill (ta' l-Unjoni Ewropea kif distint mill-Kunsill Ewropew) biex jipprepara l-affarijiet sal-Kunsill ta' Kopenħagen fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsilli ta' Ħelsinki, Laeken u Sevilja biex tittieħed deċiżjoni fuq l-istadju li jmiss tat-Turkija.

Intlaqgħu ukoll il-proposti tal-Kummissjoni fuq il-Karta ta' Strateġija[152] dwar l-għassa li kellha ssir wara li jiġu ffirmati t-Trattati tad-Dħul biex tara li dak li l-pajjiżi kandidati jkunu ftehemu fuqu, jiġifieri li jaddottaw, jimplimentaw u jinfurzaw il-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea jkun qed isir, u tippreżenta rapport fuq hekk sitt xhur qabel isir id-dħul.

Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li fit-Trattati tad-Dħul tiddaħħal klawsola ġenerali ta' salvagwardja ekonomika[153], żewġ klawsoli speċifiċi ta' salvagwardja dwar l-operazzjoni tas-suq intern[154] inklużi l-politika settorjali kollha li għandhom x'jaqsmu ma attivitajiet ekonomiċi bejn il-fruntieri[155], u l-qasam tal-ġustizzja u affarijiet interni[156].

Sa tliet snin wara s-sħubija, il-klawsoli jistgħu jiġu nvokati fuq talba motivata, jiġifieri jingħataw ir-raġunijiet għaliex tkun qed issir, minn kull Stat Membru jew fuq inizjattiva mill-Kummissjoni.

Miżuri dwar il-klawsola ġenerali ekonomika tista' tikkonċerna kull Stat Membru, waqt li miżuri meħuda fuq il-klawsoli speċifiċi jistgħu jiġi ndirizzati lill-Istati Membri ġodda biss li jkunu naqsu mill-obbligazzjonijiet li jkunu daħlu għalihom fil-kuntest tan-negozjati.

**Dawn il-klawsoli jistgħu jiġu nvokati wkoll anki qabel id-dħul u jidħlu fis-seħħ mad-dħul.**

---

[152] Strategy Paper
[153] Generral economic safeguard clause
[154] Two specific safeguard clauses concerning the operation of the internal market
[155] Including all sectoral policies which concern economic activities with cross-border effect
[156] Area of justice and home affairs

Il-miżuri ordnati f'dan il-każ jistgħu jdumu anki aktar minn tliet snin. Daqshekk se jkunu stmati u ordnati l-Istati Membri l-ġodda.

## Il-Politika Agrikola Komuni

Dwar il-Politika Agrikola Komuni u deċiżjonijiet li jistgħu jittieħdu dwar il-Politika Agrikola Komuni u l-iffinanzjar ta' l-Unjoni Ewropea wara l-2006, kif ukoll dak li jista' jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-paragrafu 22 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Berlin, kif ukoll dak li l-Unjoni Ewropea daħlet għalih fit-taħdidiet ta' Doħa[157], fil-Qatar, il-Kunsill qal li l-ħlasijiet diretti li se jsiru lill-Istati Membri l-ġodda huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| 2004: 25% | jiġifieri bidwi fi Stat Membru ġdid jieħu 25 ewro għal kull 100 ewro li jieħu bidwi ta' Stat Membru preżenti |
| 2005: 30% | jiġifieri bidwi fi Stat Membru ġdid jieħu 30 ewro għal kull 100 ewro li jieħu bidwi ta' Stat Membru preżenti |
| 2006: 35% | jiġifieri bidwi fi Stat Membru ġdid jieħu 35 ewro għal kull 100 ewro li jieħu bidwi ta' Stat Membru preżenti |
| 2007: 40% | jiġifieri bidwi fi Stat Membru ġdid jieħu 40 ewro għal kull 100 ewro li jieħu bidwi ta' Stat Membru preżenti |

Imbagħad jibdew jieħdu 10% iżjed kull sena, li jfisser li biex jibdew jieħdu daqs kemm jieħdu l-bdiewa ta' l-Istati Membri preżenti trid tasal is-sena 2013. Barra minn hekk, f'termini reali, l-ispiża ma tistax tkun aktar minn dik tas-sena 2006.

**Il-vilta' hija li għall-ħlas tat-taxxi, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-ġodda xorta se jkollhom iħallsu daqs iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri preżenti. Daqshekk huma stmati l-Istati Membri l-ġodda li se jidħlu fl-Unjoni Ewropea.**

Waqt li għall-bidu il-pajjiżi l-ġodda jistgħu jingħataw xi ħlasijiet biex ma jħallsux aktar milli jagħtu lill-Unjoni Ewropea, dan jista' jsir biss sas-sena 2006 u fil-marġini annwali li jibqa' skond il-livelli stabbiliti f'Berlin għall-ħlasijiet għat-tkabbir.

Dan ifisser li jekk ma jkunx hemm biżżejjed jitnaqqsu l-ħlasijiet u l-Istati Membri l-ġodda jħallsu iżjed milli jdaħħlu.

## Relazzjonijiet EU-NATO

Din il-parti tal-konklużjonijiet hija mill-aktar interessanti, mhux biss għaliex jingħad li l-implimentazzjoni tal-provvedimenti tat-Trattat ta' Nizza dwar l-involviment ta' membri tan-NATO li m'humiex membri ta' l-Unjoni Ewropea huma possibbli bid-deċiżjonijiet relevanti bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO, imma li l-Kunsill Ewropew fakkar li l-modalitajiet u d-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tagħhom iridu jirrispettaw dejjem il-provvedimenti tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, partikolarment l-oġġettivi u l-prinċipji tal-Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni, skond Artiklu 11 tat-Trattat EU[158] u kif approvati mill-Kunsill Ewropew.

[157] Doha Development Round
[158] "1. The Union shall define and impliment a common foreign and security poliyy covering all areas of foreign and security policy, the objectives of which shall be:

Dan barra li skond Artiklu 11 l-Unjoni Ewropea għandha tiddefinixxi u timplimenta politika barranija u ta' sigurta' komuni fuq l-oqsma kollha tal-politika barranija u ta' sigurta' għall-għanijiet imsemmija fl-istess Artiklu, li jfisser li hija l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi fuq il-politika barranija u ta' sigurta' komuni, u mhux l-Istati Membri kif ikun jista' jaqbel lilhom.

Fi kliem ieħor, jekk Malta ssir membru u l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li tagħmel xi ħaġa li biha r-relazzjonijiet ta' Malta ma' xi pajjiżi ma jkunux jistgħu jibqgħu tajbin, jew tordna li jkun hemm bojkott ta' xi pajjiż jew pajjiżi jew jinqatgħu r-relazzjonijiet diplomatiċi magħhom, Malta ma tkunx tista' tkompli b'dawn ir-relazzjonijiet u jkollha toqgħod għal dak li tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma l-Istati Membri **jridu** jsostnu l-politika barranija u ta' sigurta' **attivament,** li jfisser li jekk Malta tkun membru ma tistax iġġib l-iskuża li skond il-Kostituzzjoni ma tistax timxi fuq il-politika ordnata mill-Unjoni Ewropea, għaliex trid issostni l-politika ta' l-Unjoni Ewropea attivament.

Il-kliem użati fit-test Ingliż huma **shall**, jiġifieri bilfors, m'għandikx għażla, u **actively**, attivament, mhux billi tgħid li taqbel, imma trid tagħmel dak li tkun iddeċiediet l-Unjoni Ewropea.

Wieħed ma jiskantax, għaliex il-Gvern Nazzjonalista diġa' wera kemm huwa lest li jobdi l-ordnijiet li joħorġu minn Brussell, għaliex minkejja li Malta għadha mhux membru, diġa' kien obda lill-Unjoni Ewropea fl-embargo li kienet ordnat fuq iż-żejt meta kien hemm il-gwerra fil-Jugoslavja minkejja li dak l-embargo ma kienx ordnat mill-Ġnus Magħquda.

Mhux biss l-Istati Membri jridu jobdu dak li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea, imma huma obbligati li lanqas ma jistgħu jagħmlu xi ħaġa li tkun kontra l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea jew li jfixklu l-effettivita' tagħha bħala forza magħquda fir-relazzjonijiet internazzjonali. Fil-każijiet kollha, il-kelma wżata hija **shall**, bilfors, mhux jekk iridu.

Dan ifisser li tiddeċiedi x'tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea fir-relazzjonijiet internazzjonali, l-Istati Membri huma obbligati li jobdu u ma jistgħux jagħmlu xi ħaġa li ma tkunx taqbel magħha. Dan bilfors u m'hemmx għażla.

---

- to safeguard the common values, fundamental interests, independence and integrity of the Union in conformity with the principles of the United Nations Charter;
- to strengthen the security of the Union in all ways;
- topreserve peace and strengthen international security, in accordance with the principles of the United Nations Charter, as well as the principles of the Helsinky Final Act and the objectives of the Paris Charter, including those on external borders;
- to promote international cooperation;
- to develop and concolidate democracy and the rule of law, and respect for human rights and fundamental freedoms.

2. The Member States **shall** support nthe Union's external and security policy actively and unreservedly in a spirit of loyalty and mutual solidarity.
The Member States **shall** work together to enhance and develop their mutual political solidarity. They **shall** refrain from any action which is contrary to the interests of the Union or likely to impair its effectiveness as a cohesive force in international relations."

Fi kliem ieħor, jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li tikser ir-relazzjonijiet diplomatiċi tagħha mal-Libja, maċ-Ċina, mar-Russja jew ma' kull Stat ieħor, Malta ma tkunx tista' tkompli bir-relazzjonijiet tagħha ma' dawn l-Istati u jkollha taqta' wkoll ir-relazzjonijiet tagħha magħhom.

Dan huwa dak kollu li sħaqt fuqu f'ħafna postijiet f'dan il-ktieb, li l-Unjoni Ewropea trid issir, anzi diga' hija Stat Federali, għaliex l-Istati Membri tagħha ma jistgħux ikollhom politika barranija u ta' sigurta' jekk mhux dik komuni kif deċiża mill-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li nfakkar li fi Stat Federali, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jkollhom relazzjonijiet diplomatiċi u politika barranija tagħhom separati minn dik ta' l-Istat Federali.

Fil-fatt, ikun l-Istat Federali li jkollu relazzjonijiet diplomatici ma' Stati oħra u r-relazzjonijiet ta' l-Istati Membri jispiċċaw biss għal dak li jitħallew jagħmlu mill-Istat Federali, iżda ċertament mhux il-politika barranija u relazzjonijiet diplomatiċi li Stat normalment ikollu ma' Stati oħra.

Irid jitfakkar ukoll li l-Kostituzzjoni ta' Malta ma tippermettix li Malta tieħu sehem f'azzjonijiet militari jew li tallinja ruħa ma' organizzazzjonijiet militari.

Għaldaqstant, il-fatt li kollox irid ikun b'mod li jirrispetta t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll it-Trattat tan-NATO jfisser li Malta ma tkunx tista' tagħmel xejn li jkun kontra dawn it-Trattati.

Dan minkejja li t-Trattat tan-NATO huwa Trattat ta' Organizzazzjoni jew Għaqda militari u minkejja li jista' ma jkunx fl-interess ta' Malta li timxi skond kif ikunu ddeċidew l-Unjoni Ewropea u n-NATO.

Ifisser ukoll li minkejja li l-Kostituzzjoni ta' Malta ma tħallix li Malta ssegwi politika barranija u ta' difiża komuni, Malta ma tkun tista' tagħmel xejn ħlief tobdi dak kollu li jiġi deċiż mill-Unjoni Ewropea u min-NATO, **inkluż l-użu ta' faċilitajiet militari f'Malta jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li l-Istati Membri għandhom jipprovdu dawn il-faċilitajiet**, għaliex inkella tkun qed tmur kontra l-prinċipji tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill qal li huwa mifhum li ebda azzjoni ma tittieħed li tikser l-prinċipji tal-Karta tal-Ġnus Magħquda, kif ukoll il-prinċipji tal-Karta taż-żamma tal-paċi u sigurta' internazzjonali, il-ftehim paċifiku tal-kwistjonijiet, u li ma jintużax theddid jew użu tal-forza minħabba li kemm it-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea kif ukoll it-Trattat ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana huma mibnija fuq dawn il-prinċipji, li japplikaw għall-membri kollha[159].

Li jifhem il-Kunsill huwa mod, u li jsir fil-fatt jista' jkun ieħor, għaliex dejjem hemm lok ta' interpretazzjoni tal-fatti kif jarahom il-Kunsill, kif jarawhom l-Istati Membri, kif jarahom min ikun attakkat, kif tarahom l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda,

[159] Paragrafu 20 tal-konklużjonijiet

u kif jarawhom il-membri tan-Nato, u kif jarawhom kull min ikollu xi nteress fil-kwistjoni.

Il-kunsill fakkar li l-Unjoni Ewropea tipprovdi li l-politika ta' l-Unjoni skond Artiklu 17 tat-Trattat TEU (ta' l-Unjoni Ewropea) m'għandhiex tippreġudika l-karattru speċifiku tal-politika tas-sigurta' u d-difiża ta' ċerti Stati Membri.

Il-Presidenza nnutat li d-Danimarka ġibdet l-attenzjoni għall-Protokoll numru 5 tat-Trattat EU fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka.

Irid jingħad li d-Danimarka kienet innegozjat Protokoll mat-Trattat ta' Maastricht li permezz tiegħu hija m'hijiex obbligata li, fost affarijiet oħra, tieħu sehem f'xi azzjonijiet militari ta' l-Unjoni Ewropea. **Dan ma jgħoddx għall-pajjiżi kandidati li jridu jaċċettaw kollox u mhux se jingħataw din il-possibilita'.**

Tant għandhom ħsibijiet militari, li fil-paragrafu 22, il-Kunsill Ewropew ta mandat lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, Javier Solana Madariaga, li tajjeb li nfakkar li qabel kien is-Segretarju Ġenerali tan-NATO, li jaġixxi skond dak li ntqal hawn fuq u jilħaq ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO mill-aktar fis possibbli.

Il-Presidenza tat ġimgħatejn jew tlieta biex isir dan il-ftehim, jiġifieri sakemm qed taqraw dan il-ktieb, il-probabbilita' hija li jkun intlaħaq xi forma ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO.

Jistgħu jkunu aktar ċari minn hekk l-għanijiet militari ta' l-Unjoni Ewropea meta mhux biss għamlet u se tkompli tagħmel l-armata tagħha, imma trid tilħaq ftehim man-NATO, li hija organizzazzjoni militari, mill-aktar fis possibbli?

L-għanijiet militari ta' l-Unjoni Ewropea u l-armata tagħha jidhru wkoll minn kif l-Kunsill reġa' tenna li kien lest li fil-15 ta' Diċembru jidħol minflok in-NATO fl-operazzjonijiet militari fir-Repubblika tal-Maċedonja li qabel kienet tagħmel parti mill-Jugoslavja.

Fl-Anness I hemm ir-riżultati miksuba mill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Barranin dwar għajnuna li se jingħataw il-pajjiżi kandidati, li wieħed jista' jgħid li hija miżerja, kif ukoll għajnuna li se jingħataw il-Litwanja u s-Slovakkja biex jagħlqu l-impjanti nukleari tagħhom.

## Kontribuzzjoni għall-Faħam u l-Azzar

Interessanti huwa l-fatt li dwar il-Komunita' Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, dan il-Kunsill jgħid[160] li Stati Membri ġodda jieħdu sehem fil-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar mill-jum tad-dħul.

Stati Membri ġodda jħallsu l-kontribuzzjonijiet korrispondenti lill-Fond. Kontribuzzjonijiet għall-Fond minn Stati Membri ġodda isir f'erba pagamenti li jibdew mill-2006 (2006: 15%, 2007: 20%, 2008: 30%, 2009:35%.).

---

[160] Paġna 12 tal-Konklużjonijiet Dokument SN 300/02

Dan ifisser li l-Istati Membri l-ġodda se jkunu ħallsu l-kontribuzzjoni tagħhom, li ma jingħadx kemm hija, fuq erba' pagamenti, imma xorta jridu jħallsuha.

Anki Malta jkollha tħallasha minkejja li aħna li għandna u lanqas jinteressana li nipproduċu faħam u azzar, għax faħam m'għandniex, u l-ħtiġijiet tagħna ta' l-azzar nixtruhom minn barra.

## Il-Voti fil-Kunsill

Interessanti li naraw dwar kif se jkunu l-voti ta' l-Istati Membri. Dwar miżuri transitorji, għall-perjodu bejn id-data tad-dħul u l-31 ta' Diċembru 2004, fejn il-Kunsill huwa meħtieġ li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, il-Voti ta' l-Istati Membri jkunu kif jidhru fit-Tabella fl-Anness I, li hija li ġejja.

**Vot kif inhuma issa**

| Stati Membri | Voti |
|---|---|
| Ġermanja | 10 |
| RenjuUnit | 10 |
| Franza | 10 |
| Italja | 10 |
| Spanja | 8 |
| Polonja | 8 |
| Olanda | 5 |
| Greċja | 5 |
| Repubblika Ċeka | 5 |
| Belġju | 5 |
| Ungerija | 5 |
| Portugall | 5 |
| Svezja | 4 |
| Awstrija | 4 |
| Slovakkja | 3 |
| Danimarka | 3 |
| Finlandja | 3 |
| Irlanda | 3 |
| Litwanja | 3 |
| Latvja | 3 |
| Slovenja | 3 |
| Estonja | 3 |
| Ċipru | 2 |
| Lussemburgu | 2 |
| Malta | 2 |
| Total | 124 |

**Wara l-1 ta' Jannar 2005, il-voti jsiru hekk.**

| Stati Membri | Voti |
|---|---|
| Ġermanja | 29 |
| Renju Unit | 29 |
| Franza | 29 |
| Italja | 29 |
| Spanja | 27 |
| Polonja | 27 |
| Olanda | 13 |
| Greċja | 12 |
| Repubblika Ċeka | 12 |
| Belġju | 12 |
| Ungerija | 12 |
| Portugall | 12 |
| Svezja | 10 |
| Awstrija | 10 |
| Slovakkja | 7 |
| Danimarka | 7 |
| Finlandja | 7 |
| Irlanda | 7 |
| Litwanja | 7 |
| Latvja | 4 |
| Slovenja | 4 |
| Estonjaċ | 4 |
| Ċipru | 4 |
| Lussemburgu | 4 |
| Malta | 3 |
| Total | 321 |

Innutaw kif l-Istati Membri l-oħra kollha jiżdidulhom il-voti aktar milli żdiedu ta' Malta.

Jekk wieħed jieħu l-ewwel tabella, Malta kellha 2 voti minn 124 vot, waqt li fit-tieni tabella jkollha 3 minn 321.

Dan ifisser li waqt li fl-ewwel sena jkollna saħħa ta' voti ta' 1.6%, wara l-ewwel sena dan il-persentaġġ jitnaqqas u jsir 0.9%, jiġifieri jitnaqqsu bi kważi bin-nofs.

Daqshekk ikollha saħħa Malta bħala membru fl-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll kif l-erba Stati Membri l-kbar, fosthom it-tnejn li tassew imexxu lill-Unjoni Ewropea, jiġifieri il-Ġermanja u Franza, flimkien mar-Renju Unit u l-Italja, kabbru l-voti tagħhom minn 10 għal 29 kull wieħed, jew 290% bħala persentaġ.

Dan sar apposta biex mhux biss ma tonqosx l-influwenza tagħhom, imma aktar tkompli tikber biex ikomplu jmexxu lill-Unjoni Ewropea.

Dan joħroġ ċar għaliex fejn Atti tal-Kunsill ikunu jridu jgħaddu b'maġġoranza kwalifikata, huma jridu jġibu 88 vot favur fejn it-Trattat jinħtieġ li jkunu addottati fuq proposta tal-Kummissjoni. F'każijiet oħra, jkunu jinħtieġu 88 vot favur, mitfuha mill-inqas minn żewġ terzi tal-membri.

Issa jekk wieħed jara l-ewwel tabella u jgħodd il-voti ta' l-4 Stati Membri l-kbar, jiġifieri l-Ġermanja, ir-Renju Unit, Franza u l-Italja, dawn jiġu 40 vot minn total ta' 124 vot. Jekk minn 124 tnaqqas 40 jibqa' 84 vot.

Għaldaqstant, anki jekk l-Istati Membri kollha barra l-4 l-kbar jivvutaw favur xi ħaġa, jekk ma jkunx hemm il-vot ta' mill-inqas wieħed mill-Istati Membri l-kbar dak li jkunu jridu l-kumplament ma jgħaddix.

Daqshekk huma ugwali l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

Jekk imbagħad nieħdu t-tieni tabella li tibda tgħodd mill-1 ta' Jannar 2005, l-istess 4 Stati kbar għandhom 116-il vot bejniethom, waqt li l-kumplament għandhom 205.

Biex xi Att li jkun ġie propost mill-Kummissjoni jgħaddi jrid iġib 232 vot favur mitfuha min maġġoranza ta' l-Istati Membri, waqt li f'każi oħra jrid iġib ukoll 232 vot, imma din id-darba minn mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri.

Jekk wieħed jieħu l-ewwel każ, minn 321 tnaqqas 116 jibqa' 205 vot.

Għaldaqstant, anki jekk jingħaqdu l-Istati Membri kollha flimkien imma l-4 Stati l-kbar ma jkunux iridu li dak l-Att jgħaddi, dak l-Att ma jgħaddix għaliex qatt ma jista' jġib il-voti meħtieġa.

Lanqas fit-tieni każ fejn hemm ħtieġa ta' voti minn aktar minn żewġ terzi ta' l-Istati Membri ma jgħaddi jekk l-Istati l-kbar ma jkunux iridu.

**Qed taraw kif il-voti ġew irranġati biex l-4 Stati l-kbar jibqgħu jmexxu l-Unjoni Ewropea kif jaqblilhom minkejja dak kollu li jgħidu l-kumplament ta' l-Istati Membri l-oħra?**

Minkejja li l-Istati kbar ma jistgħux jgħaddu dak li jridu bil-voti tagħhom biss, kulħadd jaf kemm issir pressjoni biex Stati Membri żgħar jimxu mal-linja deċiża mill-

Istati Membri l-kbar. L-eżempju ta' dak li għadu kif sar ġewwa l-Irlanda fir-referendum fuq it-Trattat ta' Nizza huwa eżempju tajjeb li kulħadd rah jew sema' bih.

Eżempju ieħor huwa ta' l-arroganza tal-barranin mill-Unjoni Ewropea, fosthom Prodi u Verheugen, li qed jiġu bl-arroganza kollha jhedduna biex nidħlu fl-Unjoni Ewropea, għax li qed jiġu hawn u jitkellmu bl-arroganza kollha issa li għadna barra, aħseb u ara x'jagħmlu jekk Alla ħares qatt insiru membri.

Dwar il-Presidenza tal-Kunsill, tiftakru li konna rajna li d-Danimarka kienet ħadet il-Presidenza tal-Kunsill wara sitt xhur li kienet ilha membru.

Madankollu, issa ebda Stat Membru ġdid ma huwa se jkun jista' jieħu l-Presidenza għalissa, għaliex se jkomplu għaddejjin sa' l-aħħar tas-sena 2006 bl-Istati Membri preżenti, waqt li fis-sena 2007 il-Kunsill jiddeċiedi min se jkun imissu wara min, imma żgur li Stat Membru ma jistax jieħu l-Presidenza qabel ikun ilu mill-inqas sena membru.

**<u>Il-Parlament</u>**

Dwar il-Parlament Ewropew, jingħad li n-numru ta' membri u l-allokazzjoni ta' membri għal kull Stat Membru wara d-dħul għandhom jiġu ffissati bl-istess metodu wżat bħalissa. Għaldaqstant, dan ifisser li kollox se jibqa' kif kien deċiż qabel.

Wara, jiġifieri fil-perjodu 2005 – 2009, numru ta' siġġijiet kif allokati mid-Dikjarazzjoni numru 20 annessa ma' l-Att Aħħari tat-Trattat ta' Nizza, jiġifieri kif kien diġa' ġie deċiż qabel, u li s-siġġijiet tal-Bulgarija u r-Rumanija (minħabba li mhux se jsiru membri għalissa) jitqassmu kif hemm maħsub fit-Trattat ta' Nizza, għal total ta' 732.

Fl-istess dokument dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill hemm ħafna affarijiet li għandhom x'jaqsmu wkoll mad-difiża u azzjonijiet militari mill-Unjoni Ewropea, li mhux biss juru l-intenzjonijiet militari ta' l-Unjoni Ewroipea, imma juru wkoll għaliex l-Unjoni Ewropea għamlet l-armata tagħha li m'hemmx dubju li tkompli tkabbarha aktar 'il quddiem.

Madankollu, l-aktar importanti huwa li l-Kunsill stess jagħmel referenza għall-involviment fil-preparazzjoni, ippjanar u maniġġjar ta' operazzjonijiet immexxija mill-Unjoni Ewropea, u jgħid x'għandu jsir f'dawn il-każi.

Għaldaqstant, huwa ċar daqs il-kristall li l-Unjoni Ewropea bi ħsiebha tidħol f'avventuri militari li kull Stat Membru jkun irid jieħu sehem fihom aktar 'il quddiem.

Tinsewx li kif rajna aktar qabel, l-Istati Membri jridu jappoġġaw il-politika barranija u ta' sigurta' komuni tagħha attivament, jiġifieri billi jieħdu sehem u mhux biss jgħidu li jaqblu u joqgħodu jħarsu.

Huwa għalhekk li l-Gvern Nazzjonalista wiegħed u diġa' qiegħed jieħu sehem ma' l-armata ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li dan qiegħed isir bi ksur sfaċċat tal-Kostituzzjoni.

Jekk Malta ssir membru, lanqas jekk inkunu rridu ma nieħdux sehem ma nkunux nistgħu.

Hemm ħafna affarijiet li wieħed jista' jkompli jara u jeżamina, imma dan kien biżżejjed biex wieħed jara mid-deċiżjonijiet ta' dan il-Kunsill lejn fejn hija miexja l-Unjoni Ewropea u kif l-Istati Membri l-kbar żammew il-kontroll kollu f'idejhom.

Meta wieħed iqis dawn l-iżviluppi, inklużi dawk militari, u jiftakar li l-Istati Membri speċjalment il-kbar kienu u hemm minhom li għadu pajjiż kolonjalista, l-għanijiet espansjonistiċi u kolonjalisti jidhru li għadhom hemmhekk u jistgħu jwasslu għal konflitti militari aktar 'il quddiem.